

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11850/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0285(NLE)

RECH 357
EDUC 315
COMPET 763
IND 393
MI 617
EMPL 381

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 436 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 436 final.

Mehmuż: COM(2023) 436 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2023
COM(2023) 436 final

2023/0285 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u
intraprenditorjali fl-Ewropa**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-riċerkaturi huma l-qalba tas-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa. Jeħtieġ jissaħħu l-karrieri fir-riċerka biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti u biex is-sistema ġenerali ssir aktar b'saħħitha u kompetittiva. Dan hu rilevanti ħafna biex jingħelbu l-isfidi dinjin u tas-soċjetà li għandha l-Ewropa, fosthom it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika.

Mit-tneċċija taż-**Żona Ewropea tar-Riċerka** fis-sena 2000¹, sar progress sinifikanti għar-riċerkaturi. Iżda baqa' kwistjonijiet pendenti li jeħtieġu miżuri aktar immirati u effettivi.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni”² tagħraf li l-kundizzjonijiet tal-iżvilupp tal-karrieri biex jiġu attirati u miżmuma l-aħjar riċerkaturi fl-Ewropa huma meħtieġa fit-tellieqa dinjija għat-talenti, u li l-impjiegi prekarji, b'mod partikolari għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, ma tjobux kif mistenni fl-aħħar snin. Dik ħejjiet approċċ komprensiv għall-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa b'sett ta' miżuri mmirati favur ir-rikonoxximent tal-professjoni u l-ħiliet tar-riċerkaturi, l-iżvilupp ta' Qafas tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi, mobbiltà u skambji mtejba bejn l-akkademja u l-industrija, opportunitajiet tat-taħriġ immirati, u portal uniku ta' servizz li jagħti aċċess lir-riċerkaturi għal firxa wiesgħa ta' servizzi ta' appoġġ.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “It-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà” ta' Mejju 2021³ jindikaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar koordinata fil-livell Ewropew biex jingħelbu l-isfidi eżistenti li qed isibu r-riċerkaturi u għal karrieri fir-riċerka adegwati u sostenibbli, biex titħeġġeġ ċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u biex l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti għar-riċerkaturi. Hu ssuġġerit li nadottaw qafas uniku u komprensiv li jindirizza l-isfidi kollha relatati mal-karrieri fir-riċerka fl-oqasma kollha possibbli tal-impjiegi fir-riċerka.

Il-ħtieġa li l-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa jsiru aktar attraenti jishquha wkoll ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar “Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa” tas-26 ta' Novembru 2021**⁴, u l-**Aġenda Politika taż-ŻER meħmuża mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka” tas-26 ta' Novembru 2021**⁵, li tinkludi azzjoni biex issir “4. Promozzjoni ta' karrieri attraenti u sostenibbli fir-riċerka, ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u mobbiltà internazzjonali, transdixxiplinari u intersettorjali fiż-ŻER”. L-azzjoni tipprevedi l-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka, u l-ħolqien jew it-titjib tal-istrumenti eżistenti b'appoġġ għall-karrieri fir-riċerka.

Madwar l-Ewropa, ir-riċerkaturi spiss isibu ruħhom f'**pożizzjoni prekarja rigward l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol**. Dan jiġri b'mod partikolari fost ir-**riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera**. Filwaqt li r-riċerkatur normalment ikun impjegat minn università jew minn organizzazzjoni tar-riċerka, il-finanzjament jiġi direttament (b'boroż ta' studju) jew indirettament (bi proġetti tar-riċerka) mingħand organizzazzjonijiet nazzjonali u

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Lejn Żona Ewropea tar-Riċerka, Brussell, COM(2000) 6 finali.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2020) 628 final.

³ Id-Dokument tal-Kunsill 9138/21.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa (ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1).

⁵ Id-Dokument tal-Kunsill 14308/21.

internazzjonali tal-finanzjament. Ir-riċerkaturi normalment jingħataw kuntratti b'terminu qasir iffianzjati b'għotjiet mingħajr prospett ċar ta' stabbiltà tax-xogħol.

Is-salarji, il-protezzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jistgħu jvarjaw għielhom skont il-korp tal-finanzjament li jkun qed jisponsorja din ir-riċerka. Bl-għodda tal-**Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R)**⁶, l-impjegaturi u l-finanzjaturi setgħu jħaddmu fil-prattika l-prinċipji tal-**Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi**⁷. L-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie (MSCA)⁸ qed jipromwovu l-Karta u l-Kodiċi billi jagħmluhom kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-programm. Iżda l-Karta u l-Kodiċi kienu saru fl-2005 u jeħtieġu reviżjoni biex ikunu jwiegħbu r-realtà tal-lum u l-isfidi l-ġodda, fosthom, iżda mhux biss, ix-Xjenza Miftuħa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-verzjoni riveduta jenħtieġ li tkun timmira wkoll għal adozzjoni usa' lil hinn mill-akkademja. Il-portali u s-servizzi tal-**EURAXESS**⁹ jibqgħu jipprovdu informazzjoni Prattika essenzjali lir-riċerkaturi mobbli madwar id-dinja, flimkien ma' aċċess għal opportunitajiet tax-xogħol madwar l-Ewropa kollha. L-iskema tal-pensjoni **RESAVER**¹⁰ kienet għajnuna siewja iżd'issa kopertura saret limitata. Hemm lok għall-espansjoni ta' dawn is-servizzi u l-għodod.

Ftit li xejn sar progress sinifikanti fl-appoġġ tat-**tranżizzjoni tar-riċerkaturi lejn setturi usa' tal-impjiegi barra mill-akkademja**, jew favur **il-ftuħ tan-negozji tagħhom stess u l-innovazzjoni**. Raġuni ewlenija għal dan in-nuqqas ta' progress imsemmi hawn fuq hi l-mezz attwali ristrett ħafna tal-valutazzjoni tar-riċerkaturi abbażi ta' pubblikazzjonijiet rieżaminati b'mod esklużiv mill-pari u ħafna drabi l-metrika stretta tal-Fattur tal-Impatt tal-Journals. Minħabba f'hekk, ir-riċerkaturi ma jkunux lesti jinvolvu ruħhom f'attivitajiet bħax-xjenza miftuħa, il-mobbiltà u l-intraprenditorija intersettorjali, ix-xjenza taċ-ċittadini u l-kuntatt, għax dawn l-attivitajiet aktarx ma jkunux ta' għid għal karriera akkademika. Minbarra dan, din il-prattika tiskoraġġixxi r-riċerka interdixiplinari minħabba n-nuqqas ta' journals b'fatturi tal-impatt għoli.

Element ieħor li jfikkell it-tranżizzjoni fil-karriera 'il barra mill-akkademja hu ħafna mill-kandidati tad-dottorat huma mħarrġa f'ambjent esklużivament akkademiku. Din l-għamla ta' apprendistat akkademiku ma thejjihomx biżżejjed għal karrieri alternattivi f'setturi oħra. Ir-rapport tal-UNESCO dwar ix-Xjenza tal-2021¹¹ jiddikjara li hemm madwar 8,85 miljun riċerkatur madwar id-dinja. Mill-2007 'l hawn, in-numru tar-riċerkaturi żdied bi kważi 30%. Iċ-Ċina qabżet lill-Istati Uniti (21,1% u 16,2 % rispettivament). **L-UE tibqa' fuq quddiem fid-dinja fin-numru tar-riċerkaturi**, b'shem ta' 23,5%. Madankollu, dan in-numru ma kisibx żieda simili fl-għadd ta' pożizzjonijiet akkademiki, u r-realtà hija li persentaġġ żgħir biss tal-gradwati tad-dottorat isibu impjieg fis-settur akkademiku jew tar-riċerka pubblika. Għalhekk dawn ikollhom ifittxu impjieg barra minn dawn is-setturi¹². Fil-fatt, billi ftit huma r-riċerkaturi li jispiċċaw isiru akkademiki, il-karriera alternattiva jsibuha fl-akkademja. Peress li ħafna mir-riċerkaturi ma jibdewx karriera akkademika, dawn ikollhom jiżviluppaw **il-ħiliet għal impjieg f'setturi mhux akkademiki jew biex jistabilixxu attivitajiet intraprenditorjali tagħhom stess**.

⁶ <https://euraxess.ec.europa.eu/jobs/hrs4r>

⁷ <https://euraxess.ec.europa.eu/jobs/charter>

⁸ <https://marie-skłodowska-curie-actions.ec.europa.eu/>

⁹ <https://euraxess.ec.europa.eu/>

¹⁰ <https://www.resaver.eu/>

¹¹ II-UNESCO (2021) *UNESCO Science Report - The race against time for smarter development*, ISBN: 978-92-3-100450-6. Jinsab fuq <https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pi0000377433> (aċċessat fil-31 ta' Marzu 2023).

¹² Skont il-Eurostat, fl-2021 fl-UE, ħafna mir-riċerkaturi ħadmu fis-settur tal-intrapriżi kummerċjali (56%) u fis-settur tal-edukazzjoni ogħla (32%), u warajhom mal-gvern (11%). Ara <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20221206-1>.

Għad hemm **mobbiltà asimetrica tar-riċerkaturi** mil-Lvant għall-Punent u min-Nofsinhar għat-Tramuntana. Tul is-snin kien hemm xi interventi, fosthom li setgħu jintużaw il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni għar-riċerka, jew azzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li riedu jżidu parteċipazzjoni skont il-Programmi Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni¹³. Iżda filwaqt li għenu biex tinkiseb ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talent, dawn l-inizjattivi ma kinux biżżejjed biex jitħallew effetti fit-tul.

Filwaqt li saru avvanzati sinifikanti fejn tidħol l-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, għad hemm bosta kwistjonijiet pendenti. Jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod effettiv l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fil-karrieri fir-riċerka, inkluż id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, il-progressjoni fil-karriera, il-preġudizzji abbażi tal-ġeneru fil-valutazzjoni, il-kwistjonijiet tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li lkoll jaffettwaw il-parteċipazzjoni u l-progressjoni fil-karriera. Barra minn hekk, neħtieġu sforzi speċifiċi biex nindirizzaw in-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM).

F'livell aktar fundamentali, id-**definizzjoni tar-riċerkatur** teħtieġ reviżjoni biex tiżgura li tkun tinkludi l-firxa wiesgħa tal-perkorsi tal-karriera. Irid jiġi rikonoxxut li lil hinn mir-riċerka, hemm bosta attivitajiet oħra li għandhom rwol sinifikanti, bħat-tagħlim lill-istudenti, is-superviżjoni u l-mentoraġġ, il-ħidma mal-industrija u s-soċjetà. Irid jiġi rikonoxxut ukoll li r-riċerka u l-innovazzjoni ta' livell għoli jeħtieġu l-appoġġ ta' bosta **karigi fit-tmexxija tar-riċerka**, imwettqa minn riċerkaturi jew minn professjonisti oħrajn.

Minħabba l-importanza tal-karrieri fir-riċerka, il-kundizzjonijiet qafas u l-miżuri ta' appoġġ jeħtieġ jitwieżnu b'**sistema ta' monitoraġġ** adegwat u regolari, li tippermetti l-għbir tad-*data* rilevanti li tista' tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll lil dawk li jfasslu l-politika.

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-proposta attwali għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li twieġeb it-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet li ppreżentaw il-Kummissjoni u l-Kunsill¹⁴ u timplimenta wieħed mill-eżiti mistennija tal-azzjoni 4 tal-Aġenda tal-Politika taż-ŻER, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka. Din tipprovdi l-istandards li jistgħu jiggwidaw lill-Istati Membri, lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, lill-finanzjaturi u lill-partijiet ikkonċernati biex iżidu l-istabbiltà u l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka. L-objettiv hu li **jinżammu r-riċerkaturi Ewropej, u li l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti għat-talenti barranin.**

Tipprovdi **definizzjoni** ċara ta' "**riċerkatur**"¹⁵ għal rikonoxximent xieraq tal-professjoni fl-Ewropa. Tiċċara wkoll li r-riċerkaturi jistgħu jwettqu varjetà ta' **professjonijiet tar-riċerka** fis-setturi rilevanti kollha, l-akkademja, in-negozju, l-amministrazzjoni pubblika, u s-settur mingħajr skop ta' qligħ. Il-proposta tirrikonoxxi l-għadd kbir ta' **rwoli fit-tmexxija tar-riċerka** mwettqa mir-riċerkaturi jew minn professjonisti oħra, filwaqt li tisħaq l-importanza ta' aktar analiżi u allinjament ta' dawn il-professjonijiet fil-livell Ewropew.

Elementi fundamentali għal karrieri fir-riċerka aktar attraenti huma li jitjiebu l-**kundizzjonijiet tax-xogħol**, ikun żgurat bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u **tiġi miġġielda l-prekarjetà**, inkluż billi jiġu limitati l-kuntratti b'terminu fiss u billi jitrawmu mekkaniżmi tal-finanzjament aktar sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Dan jiġi

¹³ Il-pajjiżi li riedu jżidu l-parteċipazzjoni huma dawk li tul il-programmi qafas preċedenti għar-riċerka u l-innovazzjoni kellhom nuqqas ta' parteċipazzjoni.

¹⁴ Ara t-Taqsima preċedenti.

¹⁵ Skont id-definizzjoni fil-Manwal Frascati aċċettat ferm: <https://www.oecd.org/sti/inno/frascati-manual.htm>.

kumplimentat b' miżuri li jiżguraw **protezzjoni soċjali** adegwata u l-portabbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni lil hinn mill-fruntieri. **Tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera**, b' inċentivi apposta.

Il-Karta ġdida għar-Riċerkaturi se tieħu post il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi tal-2005¹⁶ u se tappoġġa l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u ambjenti tar-riċerka tajbin fl-organizzazzjonijiet rilevanti. Din se tkun dokument uniku li jindirizza lir-riċerkaturi, lill-impjegaturi, lill-finanzjaturi u lil dawk li jfasslu l-politika fl-istess ħin, u li jinkludi għadd aktar simplifikat ta' prinċipji¹⁷ li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni fis-setturi kollha. Il-Karta l-ġdida tista' tkun l-opportunità biex jitnieda l-proċess ta' reviżjoni tal-mekkaniżmu attwali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R).

Jekk insaħħu l-**hillet tar-riċerkaturi**, b' mod partikolari dawk trażversali, permezz tal-**Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi (ReserchComp)**¹⁸ u anki bl-appoġġ tal-mikrokredenzjali¹⁹ inkunu qed inrawmu l-**mobbiltà intersettorjali** u fluss reali tat-talenti bejn is-setturi. Fuqhom tissejjes iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u jgħinuna nnaqqsu d-distakk bejn ir-riċerkaturi u d-domanda tas-suq tax-xogħol għal talenti b' livell għoli tal-hillet.

It-talent jinsab fil-qalba tal-**innovazzjoni**. Hu kruċjali li noħolqu l-kundizzjonijiet biex jinkiseb u jkun żgurat fluss kontinwu ta' talenti b' livell għoli tal-hillet u reżiljenti, li jkunu kapaċi jikkontribwixxu għall-irkupru u l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa. Dan jinvolvi rabtiet aktar sodi bejn l-akkademja u l-industrija, u kultura intraprenditorjali u tal-innovazzjoni b' talenti li kapaċi jaħtfu l-ideat li dawn jiżviluppaw fis-suq.

Filwaqt li trawwem il-mobbiltà intersettorjali u kull għamla oħra ta' mobbiltà²⁰, u l-ftuħ ta' negozji ġodda mir-riċerkaturi, il-proposta tagħraf u tivvalorizza **l-perkorsi differenti tal-karriera** biex tiżgura li l-valur miżjud tagħhom jitqies kif xieraq fejn jidholl ir-reklutaġġ, il-progressjoni tal-karriera, u l-valutazzjoni tar-riċerkaturi. Tikkumplimenta dan, hemm l-għajnuna tas-**servizzi tal-konsulenza u tal-appoġġ għall-karrieri** li tgħin lir-riċerkaturi jsibu l-aktar triq xierqa għalihom u jrawmu l-iżvilupp tal-karriera.

Il-profil R1-R4 tar-riċerkaturi introdotti fl-2011²¹ huma aġġornati u kumplimentati b' eżempji tal-okkupazzjonijiet għal kull livell u fost is-setturi biex il-karrieri tar-riċerkaturi jsiru aktar komparabbli u interoperabbli fis-setturi tal-impjiegi u l-pajjiżi²².

L-implimentazzjoni tal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet il-ġodda se ttejjeb is-sistemi ġenerali nazzjonali u Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tgħin biex **jiġu indirizzati** strutturalment **il-każijiet taċ-ċirkolazzjoni żbilanċjata tat-talenti**.

Jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni u għal aktar żvilupp tal-għodod eżistenti u ta' għodod ġodda li jappoġġaw il-karrieri fir-riċerka (eż. EURAXESS, RESAVER, ResearchComp). Dawn ilkoll se jsibu posthom fil-**pjattaforma tat-Talent taż-ŻER** li jmiss, punt uniku tas-servizz għar-riċerkaturi li jappoġġa wkoll lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

¹⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u dwar Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi (ĠU L 75, 22.3.2005, p. 67).

¹⁷ Sett ta' 20 prinċipju fl-ok 1-40 prinċipju attwali tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi.

¹⁸ Ara <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/8d536780-3025-11ed-975d-01aa75ed71a1/language-mt>.

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/02 tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

²⁰ Mobbiltà ġeografika, interistituzzjonali, interdixiplinari u virtwali.

²¹ https://cdn5.euraxess.org/sites/default/files/policy_library/towards_a_european_framework_for_research_careers_final.pdf

²² Analiżi ta' 79 285 post vakanti ppubblikati fil-bażi tad-*data* Euraxess tal-2020 turi li nofs il-postijiet vakanti ma kinux marbuta ma' stadju wieħed partikolari tal-karriera. Barra minn hekk, l-analiżi ħarġet fid-dieher ukoll li kull impjegatur għandu t-terminoloġija tiegħu li tiddefinixxi impjiegi, u dan il-fatt jixhed li hemm bżonn tiġi żviluppata lingwa komuni.

Osservatorju tal-karrieri fir-riċerka se jippermetti l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta attwali billi jiġbor indikaturi dwar l-aspetti differenti koperti. Abbażi ta' din id-*data*, il-partijiet ikkonċernati u dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u Ewropew se jkunu jistgħu jieħdu azzjoni msejsa fuq l-evidenza.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta attwali hi konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti, b'mod partikolari:

- **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza”**, adottata fl-1 ta' Lulju 2020²³ li tisħaq li r-riċerkaturi jinsabu fuq quddiem nett fix-xjenza u l-innovazzjoni, u li jeħtieġu settijiet speċifiċi ta' ħiliet biex ikollhom karrieri ta' suċċess fl-akkademja u lil hinn minnha. Fost l-oħrajn, l-Aġenda għall-Ħiliet tipprevedi d-definizzjoni ta' tassonomija tal-ħiliet għar-riċerkaturi, l-iżvilupp ta' Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi, u l-appoġġ biex ir-riċerkaturi jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-mobbiltà intersettorjali. L-ewwel azzjoni ewlenija tal-Aġenda għall-Ħiliet, il-Patt tal-UE għall-Ħiliet, tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'kollaborazzjoni bejn l-industrija, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi fi sħubijiet għall-ħiliet fuq skala kbira.
- **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Strateġija Ewropea għall-Universitajiet”**²⁴, adottata fit-18 ta' Jannar 2022, li tipprevedi l-iżvilupp ta' qafas għall-karrieri fir-riċerka, b'sinerġija ma' qafas Ewropew għal karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni oġhla.
- **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida”**, adottata fil-5 ta' Lulju 2022²⁵, tirrikonoxxi li l-innovazzjoni tiddependi fuq it-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma b'suċċess tal-individwi b'talent u b'firxa ta' ħiliet varji, u tisħaq l-importanza tal-mobbiltà bejn is-setturi.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar “Il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien”**²⁶, adottata fit-2 ta' Diċembru 2022, għandha l-għan li tistabbilixxi linja komuni dwar il-prinċipji u l-miżuri ta' politika għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi massimizzata t-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet li jkunu ta' ġid għas-soċjetà. Fost l-oħrajn, il-Prinċipji Gwida jippromwovu qafas li jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kapaċitajiet, sistema ta' inċentivi, u metrika, monitoraġġ u evalwazzjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta attwali hi konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari:

- **Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, proklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017 u li jistabbilixxi prinċipji u drittijiet essenzjali għal swieq tax-xoġhol u sistemi tal-protezzjoni soċjali ġusti u li

²³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final.

²⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, COM(2022) 16 final.

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, COM(2022) 332 final.

²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141).

jiffunzjonaw tajjeb fis-seklu 21, u dispożizzjonijiet relatati tal-Unjoni fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali, inkluż il-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Inizjattiva ta’ appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw li jaħdmu”**²⁷ adottata fis-26 ta’ April 2017; id-Direttiva dwar “**Kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea**”²⁸, u d-Direttiva dwar il-“**Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw**”²⁹, adottata fl-20 ta’ Ġunju 2019; ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-“**Aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom**”³⁰, adottata fit-8 ta’ Novembru 2019. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali, b’mod partikolari, għandha l-għan li tiżgura li l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom, f’kundizzjonijiet komparabbli, ikunu jistgħu jimxu mas-sistemi tas-sigurtà soċjali, jakkumulaw u jitolbu intitolamenti adegwati, jittrasferixxu faċilment l-intitolamenti tas-sigurtà soċjali minn impjeg għall-ieħor, u jkollhom informazzjoni trasparenti dwar l-intitolamenti u l-obbligi tas-sigurtà soċjali tagħhom.

- Il-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE”**³¹, adottata fis-27 ta’ April 2022, tagħraf l-importanza u l-ħtieġa li l-UE ssir aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja. F’dan il-kuntest, id-Direttiva dwar l-Istudanti u r-Riċerkaturi³² u r-reviżjoni riċenti tad-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE³³ jikkontribwixxu għal dawn l-oġettivi billi jagħmluha aktar faċli u aktar attraenti għar-riċerkaturi u għall-ħaddiema b’livell għoli tal-ħiliet biex jiċċaqilqu lejn l-UE, u billi jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u tal-ħiliet bil-moviment bejn l-Istati Membri billi jissaħħu d-drittijiet tal-mobbiltà intra-UE.
- Il-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa”**³⁴, adottata fis-17 ta’ Jannar 2023, li tiffoka fuq l-isfidi tan-nassa tal-iżvilupp tat-talent fir-reġjuni tal-UE marbuta mat-tnaqqis demografiku, is-sehem staġnat tal-popolazzjoni tal-edukazzjoni terzjarja, u t-tluq sinifikanti taż-żgħażaġh.

²⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Inizjattiva ta’ Appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu, COM(2017) 252 final.

²⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

³⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta’ Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

³¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE, COM(2022) 657 final.

³² Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta’ skambju ta’ skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

³³ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-fini ta’ impjeg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1).

³⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa, COM(2023) 32 final.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-inizjattiva huma l-Artikoli 182(5) u 292 tat-TFUE. F'konformità mal-Artikolu 292 tat-TFUE, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjonijiet u jaġixxi bi proposta tal-Kummissjoni fil-każijiet kollha li jipprevedulu t-Trattati li jrid jadotta atti wara proposta tal-Kummissjoni.

F'konformità mal-Artikolu 179 tat-TFUE, l-Unjoni se jkollha l-objettiv li ssaħħa il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi Żona Ewropea tar-Riċerka li tippermetti ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi, tal-ġharfien xjentifiku u tat-teknoloġiji, u thegħiġha ssir aktar kompetittiva, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka meqjusa meħtieġa permezz ta' Kapitoli oħra tat-Trattati.

F'konformità mal-Artikolu 181 tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku biex jiżguraw li l-politiki nazzjonali u tal-Unjoni kollha jkunu konsistenti bejniethom. B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi din il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi mmirati għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni tal-iskambju tal-aqwa prattika, u t-tħejjija tal-elementi meħtieġa għal monitoraġġ u evalwazzjoni minn żmien għal żmien. Il-Parlament Ewropew irid jinżamm informat bis-sħiħ.

L-Artikolu 182(5) tat-TFUE jipprovdi l-possibbiltà li l-attivitajiet imfasslin fil-programm qafas pluriennali jiġu kkumplementati billi jippermetti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, biex jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa li jimplementaw iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Ir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka għandhom sfidi u ħtiġijiet speċifiċi, fosthom ir-rikonossiment tal-professjoni u definizzjonijiet komuni fil-livell tal-Unjoni ta' "riċerkatur" u tal-professionijiet tar-riċerka biex irawmu l-interoperabbiltà u l-komparabbiltà fl-Istati Membri u fis-setturi kollha; fehim komuni tas-sett tal-ħiliet meħtieġa mir-riċerkaturi; il-promozzjoni ta' mobbiltà ġeografika, intersettorjali u interdixiplinari bbilanċjata; sistema aħjar u kkoordinata għall-iżvilupp tal-karriera, il-progress u l-valutazzjoni tar-riċerkaturi; Strumenti ta' appoġġ tal-Unjoni għall-karrieri fir-riċerka, inkluż sistema Ewropea komprensiva tal-monitoraġġ. Dawn il-ħtiġijiet għan-natura tagħhom jistgħu jinkisbu b'mod effettiv biss b'inizjattiva fil-livell tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni fil-passat, b'mod partikolari bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2005 "dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi"³⁵, iżda issa hemm bżonn tieħu inizjattiva aġġornata ġdida biex twieġeb għal sfidi ġodda u għall-kuntest il-ġdid.

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2021 dwar "It-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xoġhol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà", u fl-Aġenda tal-Politika taż-ŻER mehmuża mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" tas-26 ta' Novembru 2021. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa" tas-26 ta'

³⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u dwar Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi (ĠU L 75, 22.3.2005, p. 67).

Novembru 2021 tinkludi l-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, flimkien mal-valutazzjoni tar-riċerka u s-sistema tal-valorizzazzjoni, bħala oqsma importanti ta' azzjoni fil-kuntest tal-oqsma prijoritarji għal azzjoni konġunta mill-Unjoni u mill-Istati Membri b'appoġġ għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Jenħtieġ li jitqies ukoll li inizjattiva bħal din għandha importanza kbira biex il-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa jsiru aktar attraenti, filwaqt li tikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-objettivi li t-talenti fir-riċerka jinżammu fl-Ewropa, u li l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti għat-talenti barranin.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta attwali tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. La l-kontenut u lanqas il-forma ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta ma jmorru lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. L-impenji tal-Istati Membri ma għandhomx natura vinkolanti, u kull Stat Membru jibqa' liberu li jiddeċiedi fuq liema approċċ għandu jħaddem.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hi bbażata fuq l-evidenza miġbura u l-kontribut miksub fil-kuntest tal-istudji kkuntrattati mill-Kummissjoni, li kienu jinvolvu interazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati.

L-istudju “Taking stock, evaluating the achievements and identifying the way forward for the ERA Priority 3 policy measures” ippubblikat f'Diċembru 2021³⁶, qies il-miżuri tal-politika eżistenti b'appoġġ għall-prijorità preċedenti taż-ŻER “Suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi”, b'mod partikolari l-Karta għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi, l-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R), u n-network tas-servizzi ta' EURAXESS. Dan evalwa l-kisbiet tagħhom, iddefinixxa l-ħtiġijiet u ta rakkomandazzjonijiet dwar miżuri tal-politika ġodda jew riveduti biex tiġi promossa d-dimensjoni tar-riżorsi umani taż-ŻER il-ġdida. Saru diversi attivitajiet tal-konsultazzjoni, inkluż 3 sessjonijiet ta' ħidma online f'April, Mejju u Lulju 2021 mal-partijiet ikkonċernati u l-istituzzjonijiet tar-riċerka (eż. universitajiet u organizzazzjonijiet umbrella oħra tal-RPOs, organizzazzjonijiet tar-riċerkaturi, alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, finanzjaturi tar-riċerka, in-network EURAXESS, l-Istati Membri), sħarriġ tal-organizzazzjonijiet implikati fil-proċess tal-HRS4R, u sħarriġ tan-network tas-servizzi ta' EURAXESS.

L-elementi ewlenin li ħarġu mill-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-istudju jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Kien hemm aċċettazzjoni wiesgħa tal-Karta għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi fil-livell istituzzjonali fl-UE u 'l barra mill-UE, iżda dawn jeħtieġu aġġornament biex iwieġbu għar-realtà l-ġdida (Xjenza Miftuħa, integrità tar-riċerka, ugwaljanza bejn il-ġeneri, diversità u inklużjoni, ix-xjenza f'tim, il-mobbiltà intersettorjali u interdixxiplinari, il-valutazzjoni tar-riċerka), u l-użu tagħhom jenħtieġ li jiġi promoss anki lil hinn mis-settur akkademiku;

³⁶ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/40089aaa-57dc-11ec-91ac-01aa75ed71a1>.

- Il-proċess tal-HRS4R u l-premjū relatat ma’ din l-istrateġija għenu biex issir bidla pożittiva fil-prattiki tar-riżorsi umani fl-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, minkejja l-perċezzjoni ta’ xi organizzazzjonijiet li hemm bżonn sforz kbir wisq biex jieħdu l-premjū;
- L-adozzjoni u l-effettività tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi u l-HRS4R huma influwenzati ħafna mill-kuntest nazzjonali u mill-politiki nazzjonali;
- L-EURAXESS laħqet massa kritika ta’ riċerkaturi u organizzazzjonijiet tar-riċerka fl-UE u ’l barra mill-UE, li kkawżat żieda kostanti fil-volum u fl-intensità tal-użu. Ir-riċerkaturi kisbu diversità ta’ benefiċċji mill-EURAXESS, iżda b’mod partikolari kisbu appoġġ għal mobbiltà internazzjonali, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tar-riċerka kisbu aċċess aħjar għat-talent fir-riċerka. Madankollu, l-offerta tas-servizzi tal-EURAXESS jeħtieġ titwessa’ biex tappoġġa l-iżvilupp tat-talenti fir-riċerka b’mod aktar wiesa’, u l-mudell attwali tal-governanza jeħtieġ jissaħħaħ kif xieraq;
- L-isfidi tas-suq tax-xogħol li qed isibu r-riċerkaturi jissuġġerixxu l-bżonn ta’ forom ġodda u differenti ta’ appoġġ għall-karrieri fir-riċerka, jekk iridu jintlaħqu l-aspirazzjonijiet taż-ŻER il-ġdida. Barra minn hekk, biex jiġu ssodisfati l-aspirazzjonijiet taż-ŻER il-ġdida relatati mal-karrieri fir-riċerka, l-għodod eżistenti kollha jenħtieġ li jinġabru flimkien f’qafas ġenerali.

Abbażi ta’ dawn l-elementi, ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin kienu relatati mal-ħtieġa ta’:

- Qafas uniku tal-politika dwar il-karrieri fir-riċerka, li jipprovdi approċċ ħolistiku li jindirizza l-isfidi kollha, u b’enfasi fuq is-setturi kollha tas-soċjetà fejn ir-riċerkaturi jwettqu l-attivitajiet tagħhom;
- Karta u Kodiċi għar-Riċerkaturi aġġornati li jirriflettu l-isfidi u l-opportunitajiet attwali muriġa fis-suq tax-xogħol għar-riċerkaturi, u approvazzjoni u implimentazzjoni usa’, inkluż mis-settur privat, bħala parti ewlenija taż-ŻER ġenerali;
- L-evoluzzjoni tal-EURAXESS fi Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER li tipprovdi appoġġ aktar ħolistiku lir-riċerkaturi u hi bbażata fuq mudell aħjar tal-governanza;
- L-indirizzar ta’ kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol li jsibu r-riċerkaturi, bħall-protezzjoni soċjali jew l-intitolamenti tal-pensjoni;
- L-appoġġ għat-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-esperjenzi relatati mal-karrieri fir-riċerka.

Barra minn hekk ġie kkonsultat ukoll is-settur tal-edukazzjoni oġġla biex jiġi żviluppat qafas li jsaħħaħ il-missjoni tiegħu tar-riċerka u l-innovazzjoni f’sinerġija mal-missjoni tal-edukazzjoni, li wassal għar-rakkomandazzjonijiet “Lejn viżjoni għall-2030 dwar il-futur tal-universitajiet fl-Ewropa” (Ottubru 2020)³⁷, inkluż dwar it-trawwim tal-kapital uman u l-iżvilupp tal-karriera. Is-sejbiet ewlenin f’dan ir-rigward kienu li:

- Issir riforma fis-sistemi u fl-istrutturi tal-iżvilupp tal-karriera, tat-taħriġ u l-valutazzjoni, tar-rikonossiment u l-inċentivi tal-universitajiet, għal mudell tal-ewalwazzjoni aktar ħolistiku, immexxi mill-kwalità u mmexxi inqas mill-kwantità;
- Issir riforma fil-valutazzjoni tal-karriera tar-riċerkaturi, għal sistema bilanċjata bbażata fuq l-ispettru kollu tal-kapaċitajiet tar-riċerkaturi b’mod li tkun rilevanti għall-istadju tal-karriera tagħhom, il-pożizzjoni mfittxija u fatturi kuntestwali

³⁷ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/a3cde934-12a0-11eb-9a54-01aa75ed71a1/>.

rilevanti oħra, filwaqt li jkun evitat approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd. Il-valutazzjoni jenħtiegħ li tqis l-eżiti tar-riċerka, il-proċess tar-riċerka, is-servizz u t-tmexxija, l-impatt tar-riċerka, it-tagħlim lill-istudenti u s-supervizzjoni, u esperjenzi professjonali oħra;

- It-taħriġ fil-ħiliet u l-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi jiġu integrati fil-livelli kollha, u dan jeħtiegħ investiment fit-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi fil-livelli kollha (R1-R4), b'enfasi partikolari fuq ir-riċerkaturi fil-livelli R1 u R2 (tad-dottorat u tal-postdottorat) li l-maġġorparti tagħhom mhux se jkollhom impjieg permanenti fis-settur akkademiku;
- Jingħata taħriġ Ir-riċerkaturi fil-livelli kollha (R1-R4) dwar il-prattika tax-Xjenza Miftuħa;
- Il-kunċett tal-mobbiltà ġeografika jiġi estiż biex jinkludi l-mobbiltà virtwali;
- Tiġi aġġornata l-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tagħhom, abbażi tax-xenarju l-ġdid tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, u l-istat tad-diskussjonijiet attwali jiġi rifless fis-settur akkademiku. Dan jenħtiegħ li jqis ukoll u b'mod espliċitu x-Xjenza Miftuħa, il-prattiki tal-innovazzjoni miftuħa u responsabbli, id-diversità, l-integrità tar-riċerka, ix-xjenza taċ-ċittadini u l-mobbiltà tranżnazzjonali, transsettorjali, interdixiplinari u virtwali fl-iżvilupp tal-karriera;
- Tissaħħaħ l-interazzjoni bejn is-settur akkademiku u dak mhux akkademiku biex jissaħħaħ ir-rwol tal-universitajiet bħala atturi ċentrali fil-qalba tal-ekosistemi tal-innovazzjoni.

L-istudju “Knowledge Ecosystems in the new ERA” li ntemm fl-2022 kien jinkludi analiżi tal-aspetti relatati mal-karrieri fir-riċerka, b'mod partikolari l-ħiliet³⁸, l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-fenomeni tal-eżodu tal-imħuħ u ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti³⁹. Dan iffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' metodoloġija għal osservatorju tal-karrieri fir-riċerka. L-istudju mmeppja u mmudella għadd ta' miżuri tal-mobbiltà intersettorjali madwar l-Ewropa, abbażi ta' studju preċedenti tal-Kummissjoni li jismu “Fostering industrial talents in research at European level” (Jannar 2018)⁴⁰. Saru ħafna attivitajiet tal-konsultazzjoni dwar dan l-istudju, fosthom:

- Stħarriġ online (April-Mejju 2021) fost ir-riċerkaturi biex jinkiseb għarfien dwar il-ħiliet, is-sigurtà soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol relatati mal-impjiegi fir-riċerka, u mbagħad 3 laqgħat tal-grupp ta' ħidma f'Mejju 2021 biex jiġu vvalidati u rfinati r-riżultati tal-intervisti;
- Stħarriġ online (Mejju-Ġunju 2021) biex jiġi vvalidat is-sett tal-ħiliet tant kruċjali għall-impjiegi tar-riċerkaturi fis-settur akkademiku u privat;
- Intervisti ma' riċerkaturi (Q2 2021) fi stadji differenti tal-karriera li jaħdmu fl-akkademja u f'setturi oħra, b'enfasi fuq il-kompetenzi, l-opportunitajiet tat-taħriġ fil-ħiliet, u l-mobbiltà intersettorjali;
- Intervisti ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet umbrella tal-edukazzjoni oġħla, assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka, rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentanti tan-negozju (Q2 2021), li jiffukaw fuq il-Klassifikazzjoni Ewropea

³⁸ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/8d536780-3025-11ed-975d-01aa75ed71a1/language-mt>.

³⁹ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/94a6a2ca-00c1-11ed-b94a-01aa75ed71a1/language-mt> u <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/ec09bd95-00c2-11ed-b94a-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-search>.

⁴⁰ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/a33eb97c-437d-11e8-a9f4-01aa75ed71a1>.

tal-Ħiliet, il-Kompetenzi, il-Kwalifiki u l-Impjegi (ESCO), l-iżvilupp tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi, il-futur tal-hekk imsejħa “tenure tracks” u d-diversifikazzjoni tal-karrieri fir-riċerka;

- Grupp fokali (Settembru 2021) mal-assoċjazzjonijiet umbrella tal-UE relatati mar-riċerka (universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, RTOs, eċċ.), l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, u dawk li jfasslu l-politika tal-UE u nazzjonali biex jivvalidaw il-ħidma fuq l-abbozz tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi;
- Sessjoni ta’ ħidma (Ottubru 2021) b’aktar minn 450 parteċipant minn fost il-partijiet ikkonċernati mis-setturi kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-karrieri fir-riċerka, b’mod partikolari fil-qasam tal-kompetenzi;
- Sessjoni ta’ ħidma (Marzu 2022) b’firxa wiesgħa ta’ partijiet ikkonċernati mis-setturi kollha, li tindirizza l-ħiliet tar-riċerkaturi u l-kundizzjonijiet tal-impjegi, kwistjonijiet tal-protezzjoni soċjali tar-riċerkaturi mobbli internazzjonalment, u l-kunċett ta’ osservatorju tal-karrieri fir-riċerka;
- Sessjoni ta’ ħidma finali (Settembru 2022) dwar il-kompetenzi, iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u l-mobbiltà intersettorjali.

Is-sejbiet ewlenin tal-istudju jistgħu jinġabru fil-qasir kif ġej:

- Ir-riċerkaturi għandhom importanza kbira għas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, u hu importanti li jissaħħu l-karrieri tagħhom u jsiru aktar attraenti u sostenibbli. L-ewwel element li jrid jiġi indirizzat hu definizzjoni komuni ta’ “riċerkatur” fil-livell Ewropew;
- Id-deskritturi tal-profil R1-R4 introdotti fl-2011 spiss jintużaw u jissemew fir-reklutaġġ tar-riċerkaturi fis-settur akkademiku, iżda hemm bżonn aktar ċarezza, inkluż biex jitrawwem l-użu tagħhom lil hinn mill-akkademja u biex ikun hemm interoperabbiltà u komparabbiltà aktar faċli tar-rwoli tar-riċerkaturi fis-setturi u fl-Istati Membri kollha;
- Ir-riċerkaturi jidhrilhom li l-ħiliet trażversali huma importanti għar-reklutaġġ u għall-progressjoni fil-karriera, iżda minoranza biss tal-kandidati tad-dottorat fl-UE jemmnu li t-taħriġ li kisbu tul it-taħriġ tad-dottorat tagħhom jinkludi l-ħiliet trażversali f’livell sodisfaċenti. It-tħaddim tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi hu mistenni ħafna mill-partijiet ikkonċernati, u dan mhuwiex vinkolanti u jħalli ċerta flessibbiltà f’idejn l-utenti fejn tidħol l-implimentazzjoni tiegħu;
- Il-ħiliet huma fundamentali għall-mobbiltà intersettorjali tar-riċerkaturi, u jenħtieġ li jkun hemm disponibbli taħriġ formali u informali ċertifikabbli għar-riċerkaturi, inkluż b’koordinazzjoni u kooperazzjoni man-negozji u atturi rilevanti oħra tas-suq tax-xogħol biex jixxejjien id-distakk bejn id-domanda u l-provvista tar-riċerkaturi. Madankollu, hu daqstant importanti li r-riċerkaturi jingħataw appoġġ u gwida dwar l-opportunitajiet tal-karriera lil hinn mill-akkademja, inkluż b’servizzi tal-mentoraġġ u tal-iżvilupp tal-karriera;
- In-nuqqas frekwenti ta’ reklutaġġ miftuħ, trasparenti u abbażi tal-mertu, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-instabbiltà tal-perkorsi tal-karriera joħolqu xkiel għall-aqwa żvilupp tal-kapital uman tar-riċerka. Hemm bżonn inizjattivi, inkluż li tiġi kkunsidrata sistema mudell tat-tenure-track fil-livell tal-UE jew xi sistema trasparenti oħra għall-adeżjoni u l-progressjoni fil-karriera;
- Immeppjar tal-kawżi ewlenin li jikkontribwixxu għall-eżodu tal-imħuħ relatati mal-livell tas-sistema, l-ambjent tar-riċerka, ir-reklutaġġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u

l-eċċellenza fir-riċerka, li jindika kundizzjonijiet għal mobbiltà aktar bilanċjata. Apparti l-immeppjar, jiġu identifikati perkorsi għal ċirkolazzjoni tat-talenti aktar bilanċjata fil-livell tal-Istati Membri abbażi ta' prattiki eżistenti jew futuri fl-Istati Membri jew fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka, u ta' perkorsi fil-livell tal-UE, strutturati fuq id-dimensjonijiet tal-allinjament, tal-ispirazzjoni u tal-appoġġ;

- Jiġu identifikati mudelli, l-aqwa prattiki u rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-mobbiltà intersettorjali fi tliet kategoriji: (i) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji, (ii) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tat-talenti biex tiġi ssodisfata d-domanda tan-negozji jew tinbena l-kapaċità fl-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, (iii) l-intraprenditorija u l-ħolqien tan-negozju;
- Is-sigurtà soċjali u t-trasferibbiltà tagħha jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' motivazzjoni jew jikkumplikaw il-mobbiltà internazzjonali tar-riċerkaturi. Jinħolqu bosta lakuni fis-sigurtà soċjali minħabba l-mobbiltà u dawn jaffettwaw l-aktar lir-riċerkaturi mobbli. L-ewwel lakuna ġenerali hi l-istatuses varji tal-impjeg u l-implicazzjonijiet tagħhom fuq is-sigurtà soċjali. It-tibdil fl-istatus tal-impjeg meta wieħed jiċċaqlaq bejn il-pajjiżi jista' jirriżulta f'intitolamenti differenti tas-sigurtà soċjali. Ngħidu aħna, meta r-riċerkaturi fil-livell tad-dottorat jiġu kklassifikati bħala studenti flok bħala impjegati, dawn jaf ikollhom kopertura limitata jew l-ebda kopertura tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, l-aċċess għall-informazzjoni mogħtija lir-riċerkaturi mobbli u l-kwalità tagħha spiss ikunu limitati. Jeżistu lakuni speċifiċi għal tipi speċifiċi ta' sigurtà soċjali. Il-pensjoni, speċjalment il-pensjoni supplimentari, hi bla dubju t-ħassib ewlieni għax ir-riċerkaturi mobbli b'kuntratti frekwenti b'terminu qasir jaf ma jkunux jissodisfawx il-perjodi tal-vestment definiti għall-iskemi tal-pensjoni supplimentari. Għall-persuni qiegħda, meta tittieħed deċiżjoni dwar l-aċċess u l-ammont tal-benefiċċji tal-qgħad jitqies ir-rekord tal-impjeg preċedenti, irrispettivament mill-pajjiż.
- Metodoloġija u indikaturi għall-monitoraġġ tal-karrieri fir-riċerka abbażi tad-*data* eżistenti u kkumplimentati b'approċċ ibbażat fuq l-istħarriġ f'erba' dimensjonijiet: l-impjeg, il-kundizzjonijiet, il-ħiliet u l-mobbiltà (ħidma preparatorja għal osservatorju tal-karrieri fir-riċerka).

Saru attivitajiet oħra tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri, mal-Pajjiżi Assoċjati ta' Orizzont Ewropa, u mal-partijiet ikkonċernati, fil-kuntest tal-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa"⁴¹, u dwar l-Aġenda tal-Politika taż-ŻER, b'mod partikolari l-Azzjoni 4 maħsuba biex "Tippromwovi karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talent u mobbiltà internazzjonali, transdixxiplinari u intersettorjali fiż-ŻER kollha".

Din il-proposta tqis ukoll ħidmet it-Task Force tat-Triangolu tal-KŻER dwar ir-reviżjoni tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi, il-kontribut li wasal fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għall-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet, u informazzjoni jew studji mingħand partijiet terzi, inkluż l-OECD. Barra minn hekk, f'Diċembru 2020 ġiet koorganizzata sessjoni ta' ħidma tal-KŻER dwar ir-riċerkaturi mat-Task Force tat-Triangolu tal-KŻER u t-Triju tal-Presidenzi.

⁴¹ Inġabru l-fehmiet ta' diversi partijiet ikkonċernati waqt bosta avvenimenti. B'mod partikolari, il-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni, stabbilit bħala grupp ta' esperti informali tal-Kummissjoni, ta pariri lill-Kummissjoni u ppermetta li l-fehmiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati jitqiesu b'mod strutturat. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-organizzazzjonijiet umbrella ġew mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom (eż. waqt sessjonijiet ta' ħidma fl-20 ta' April u fil-25 ta' Mejju 2021). Saret ukoll konsultazzjoni pubblika bejn il-15 ta' April u t-13 ta' Mejju 2021 biex jinkisbu l-fehmiet tal-pubbliku ġenerali.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 182(5) u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni għandu jkollha l-oġettiv li ssaħħa il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tikseb Żona Ewropea tar-Riċerka li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi, tal-għarfien xjentifiku u tat-teknoloġija. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 180 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni għandha twettaq għadd ta' attivitajiet biex tikkumplementa oħrajn imwettqa fl-Istati Membri, inkluż biex tistimola t-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi fl-Unjoni, u d-disseminazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-riżultati tal-attivitajiet tar-riċerka fl-Unjoni.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE⁴² qdiet rwol importanti fl-appoġġ lir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni. Il-Karta għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi ("Karta u Kodiċi għar-Riċerkaturi") saru punti ta' referenza għar-riċerkaturi u għall-impjegaturi jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi, filwaqt li qed jikkontribwixxu għat-tiżiż taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u jappoġġaw l-iżvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew aktar attraenti, miftuħ u sostenibbli għar-riċerkaturi. Proċedura Ewropea li tiċċertifika l-impenn u l-progress ta' istituzzjoni fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi, l-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R), ilha fis-seħħ mill-2008.
- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza", adottata fl-1 ta' Lulju 2020⁴³, tişhaq li r-riċerkaturi jinsabu fuq quddiem nett fix-xjenza u l-innovazzjoni, u li jeħtieġu settijiet speċifiċi tal-ħiliet biex ikollhom karrieri ta' suċċess fl-akkademja u lil hinn minnha. Din tipprevedi d-definizzjoni ta' tassonomija tal-ħiliet għar-riċerkaturi, inkluż li jiġihalla jsir il-monitoraġġ statistiku taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, l-iżvilupp tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi, u l-appoġġ biex ir-riċerkaturi jiksibu l-ħiliet meħtieġa għall-mobbiltà intersettorjali. L-ewwel azzjoni ewlenija tal-Aġenda għall-Ħiliet, il-Patt tal-UE għall-Ħiliet, tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid

⁴² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi (ĠU L 75, 22.3.2005, p. 67).

⁴³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final.

b'kollaborazzjoni bejn l-industrija, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi fi sħubijiet għall-ħiliet fuq skala kbira.

- (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni”, adottata fit-30 ta' Settembru 2020⁴⁴, tagħraf li fit-tellieqa dinjija għat-talenti hemm bżonn jinħolqu l-kundizzjonijiet tal-iżvilupp tal-karriera li jattiraw u jżommu l-aqwa riċerkaturi fl-Ewropa, u li fl-aħħar snin ftit li xejn kien hemm titjib fejn jidħlu l-impjiegi prekarji, b'mod partikolari għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom. Din toħroġ fid-dieher ukoll in-nuqqas ta' allinjament frekwenti bejn il-ħiliet tar-riċerkaturi u l-ħtiġijiet tas-soċjetà u tal-ekonomija, b'mod partikolari dawk tal-industrija u tan-negozji, u l-importanza li r-riċerkaturi jġu incensivati jagħmlu karriera barra mill-akkademja. Il-Komunikazzjoni tindika li biex jissaħħu l-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa, hemm bżonn ta' sett ta' miżuri mmirati għar-rikonnoxximent tal-ħiliet tar-riċerkaturi, l-iżvilupp tal-Qafas tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi, it-titjib tal-mobbiltà u l-iskambji bejn l-akkademja u l-industrija, opportunitajiet ta' taħriġ immirat, u portal uniku ta' servizz biex ir-riċerkaturi jkunu jistgħu jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi ta' appoġġ. Il-Komunikazzjoni tipprevedi wkoll li titjib is-sistema tal-valutazzjoni tar-riċerka.
- (5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida” tal-1 ta' Diċembru 2020⁴⁵ jisħqu li bħala elementi vitali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-ġdida, li jikkontribwixxu biex jattiraw u jżommu riċerkaturi eċċellenti, jeħtieġ jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sikuri, u tiżdied l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, filwaqt li titqies ix-xjenza miftuħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħiliet diġitali, il-valutazzjoni tar-riċerka, id-diversifikazzjoni tal-karrieri fir-riċerka u perkorsi ta' diversi karrieri.
- (6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “It-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà” tat-28 ta' Mejju 2021⁴⁶, jagħrfu li r-riċerkaturi jinsabu fil-qalba tas-sistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni, u li jeħtieġ tittieħed azzjoni aktar koordinata fil-livell Ewropew biex jingħelbu l-isfidi eżistenti li jsibu r-riċerkaturi biex ikollna karrieri fir-riċerka adegwati u sostenibbli, titħeġġeġ ċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti għar-riċerkaturi. Dawn jissuġġerixxu analiżi dwar l-evoluzzjoni possibbli tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi lejn qafas uniku u komprensiv, li jindirizza l-isfidi kollha relatati mal-karrieri fir-riċerka lil hinn mill-valuri u l-prinċipji, u jiffoka fuq id-dominji kollha possibbli tal-impjiegi fir-riċerka, u jitlob lill-Kummissjoni tagħmel proposta fl-2022. Fost l-elementi ssuġġeriti li għandhom jiddaħħlu fil-proposta hemm ir-reklutaġġ, l-incensivi għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, id-diversifikazzjoni u l-progressjoni tal-karrieri, l-interoperabbiltà mas-setturi kollha tas-soċjetà inkluż l-industrija, il-valutazzjoni tar-riċerkaturi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u governanza u servizzi aħjar għall-EURAXESS.
- (7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122⁴⁷ issemmi l-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, flimkien mal-valutazzjoni tar-riċerka, tar-riċerkaturi u tal-istituzzjonijiet, bħala oqsma importanti ta' azzjoni fil-kuntest tal-oqsma prijoritarji

⁴⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2020) 628 final.

⁴⁵ Id-Dokument tal-Kunsill 13567/20.

⁴⁶ Id-Dokument tal-Kunsill 9138/21.

⁴⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa (ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1).

għal azzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri b'appoġġ għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u tispeċifika sett komuni ta' prinċipji u valuri li jirfdu r-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa. Din tenfasizza wkoll il-bżonn li tingħata aktar attenzjoni lill-karrieri tar-riċerkaturi fl-istadju bikri u tan-nofs, inkluż l-ostakli speċifiċi li jsibu n-nisa f'dawk l-istadji.

- (8) L-Aġenda tal-Politika taż-ŻER mehmuża mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Il-Governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka” tas-26 ta' Novembru 2021⁴⁸ tinkludi azzjonijiet apposta għal “Progress lejn ir-riforma tas-sistema ta' valutazzjoni għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet biex jittejjbu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom”, u għal “Promozzjoni ta' karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti u mobbiltà internazzjonali, transdixxiplinari u intersettorjali madwar iż-ŻER”. L-aħħar azzjoni msemmija tipprevedi l-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka, flimkien mal-aġġornament tal-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti, u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda. Din tinkludi t-tnedija ta' osservatorju tal-karrieri fir-riċerka; evoluzzjoni tal-Karta u tal-Kodiċi għar-Riċerkaturi; l-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER bħala portal online uniku għas-servizzi, għan-network u għall-portali tal-EURAXESS, inkluż l-HRS4R, u r-RESAVER; it-tnedija tal-inizjattiva ERA4You biex tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tat-talent bejn is-setturi u madwar l-UE; l-iskambju ta' Prattiki tajba rigward is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni biex titwieżen iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tal-imħuħ; u t-fassil tal-qafas il-ġdid għall-karrieri fir-riċerka mal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej.
- (9) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Strateġija Ewropea għall-Universitajiet”, adottata fit-18 ta' Jannar 2022⁴⁹, tipprevedi li sal-2023 għandu jiġi propost l-iżvilupp ta' qafas għall-karrieri fir-riċerka, b'sinerġija ma' qafas Ewropew għal karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni oġhla.
- (10) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida”, adottata fil-5 ta' Lulju 2022⁵⁰, tirrikonoxxi li l-innovazzjoni tiddependi fuq it-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma b'suċċess ta' individwi b'talent u firxa diversa tal-ħiliet, u tisħaq fuq l-importanza tal-mobbiltà intersettorjali.
- (11) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415⁵¹ tenfasizza l-importanza tal-investment fl-iżvilupp ta' kultura, Prattiki, ħiliet u kapaċitajiet intraprenditorjali għar-riċerkaturi u atturi oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-intermedjarji, li l-professjonalizzazzjoni kontinwa tagħhom hi essenzjali biex tiġi massimizzata t-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni f'soluzzjonijiet ta' ġid għas-soċjetà. Kodiċi ta' Prattika dwar il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja se jappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.
- (12) Ir-riċerkaturi huma riżorsa fundamentali għas-soċjetà. Dawn iwettqu r-riċerka, irawmu l-innovazzjoni, jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà, inkluż it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u b'hekk jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ġenerali tal-Kummissjoni għal “Ewropa Lesta għall-Era Diġitali”, u tal-“Patt Ekoloġiku Ewropew”. Ir-riċerkaturi huma talenti b'livell għoli tal-ħiliet li għandhom potenzjal

⁴⁸ Id-Dokument tal-Kunsill 14308/21.

⁴⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, COM(2022) 16 final.

⁵⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, COM(2022) 332 final.

⁵¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141).

kbir li jissodisfaw id-domanda tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-prijorità ġenerali l-oħra ta' "Ekonomija għas-servizz tan-nies". Hu kruċjali li jittejjeb l-ambjent tax-xogħol ġenerali tagħhom billi jissaħħu l-karrieri fir-riċerka, l-effettività tagħhom, u li dawn isiru interoperabbli bejn is-setturi.

- (13) It-tishiġ tal-attraenza u l-istabbiltà tal-karrieri fir-riċerka madwar l-Unjoni kollha hu element ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Għalhekk, hemm hteġġa ċara li l-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti għal daww li jtilqu mill-iskola, u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet qafas biex ir-riċerkaturi b'talent jinżammu fl-Unjoni, u biex l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti u kompetittiva għar-riċerkaturi internazzjonali.
- (14) It-talent jinsab fil-qalba tal-innovazzjoni. Għalhekk hu indispensabbli li jinħolqu kundizzjonijiet biex jinkisbu r-riżultati u jkun żgurat fluss kontinwu tat-talenti b'livell għoli tal-ħiliet u reżiljenti li jkunu kapaċi jikkontribwixxu għall-irkupru u l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa. Dan jinvolvi rabtiet aktar sodi bejn l-akkademja u l-industrija, u kultura intraprenditorjali u tal-innovazzjoni b'talenti li kapaċi jaħtfu l-ideat li dawn jiżviluppaw fis-suq.
- (15) L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) ilhom aktar minn 25 sena, bħala parti mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jappoġġaw lil riċerkaturi mid-dinja kollha, fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom, b'enfasi fuq it-taħriġ, il-ħiliet u l-iżvilupp tal-karriera. Il-programm ħalla wkoll impatt ta' strutturar fuq l-organizzazzjonijiet (l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka, l-intrapriżi eċċ) billi xerred prattiki tajbin u żied l-attraenza u l-viżibbiltà internazzjonali tagħhom b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' programmi tad-dottorat eċċellenti. L-MSCA hu eżempju tal-aqwa prattika fil-kontribut għall-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, fl-iżvilupp tal-ħiliet tar-riċerkaturi, fl-indirizzar tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri, fiż-żamma tar-riċerkaturi ta' talent, u fl-attrazzjoni tat-talent ġdid lejn l-Ewropa. Il-programmi tad-Dottorat Industrijali tal-MSCA, li jippermettu kondivizzjoni ugwali tal-esperjenza tar-riċerka, tal-post u tas-supervizzjoni ta' kandidat tad-dottorat bejn stabbiliment akkademiku u mhux akkademiku, huma eżempju importanti ta' interazzjoni u kooperazzjoni bejn l-atturi tal-ekosistema, filwaqt li jrawmu l-ħiliet trażversali u l-mobbiltà intersettorjali, u jgħinu l-ħtiġijiet tal-industrija għal talenti b'livell għoli tal-ħiliet.
- (16) Id-*data* tal-Eurostat tindika li l-għadd tar-riċerkaturi fl-Ewropa għandu xejra ta' żieda. Fl-2021 kien hemm 2 miljun riċerkatur (ekwivalenti full-time) li jaħdmu fl-Istati Membri, jiġifieri 627 000 iżjed mill-2011. Ħafna mir-riċerkaturi jaħdmu fis-settur tal-intrapriżi kummerċjali (56%) u fis-settur tal-edukazzjoni oġħla (32 %), u warajhom mal-gvern (11%). Hu importanti li din ix-xejra li qed tikber tiġi sostnuta bl-investimenti, bl-infrastrutturi u b'politiki adegwati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jappoġġaw l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, inkluż fejn jidħlu d-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li tiġi promossa kultura ta' valur indaqs u valorizzazzjoni tal-karrieri fir-riċerka fis-setturi kollha tas-soċjetà.
- (17) Hemm bżonn definizzjoni ċara u komuni ta' "riċerkatur" fil-livell Ewropew, bħal pereżempju d-definizzjoni tal-Manwal ta' Frascati aċċettat b'mod wiesa', u ta' għarfien komuni dwar il-professjonijiet tar-riċerka. Il-professjonijiet tar-riċerka jenħtieġ li jkunu maħsuba bħala l-okkupazzjonijiet li r-riċerkaturi jistgħu jieħdu fis-setturi rilevanti kollha, li jinkludu l-akkademja (l-universitajiet, il-politekniki u l-istituzzjonijiet tar-riċerka), in-negozji (inkluż il-laboratorji industrijali, in-negozji ġodda, l-ispin-offs jew l-intrapriżi żgħar u medji), il-korpi tal-amministrazzjoni pubblika (inkluż il-laboratorji pubbliċi u s-sistema tal-kura tas-saħħa), u s-settur bla

skop ta' qligħ. Neħtieġu sforzi għar-rikonoxximent sħiħ tal-professjoni tar-riċerka u li jindirizzaw il-komparabbiltà tal-professjonijiet tar-riċerka madwar l-Istati Membri u s-setturi, inkluż bl-aġġornament tal-profilu tar-riċerkaturi R1-R4 introdotti fl-2011 u li dawn jintużaw aktar fil-postijiet vakanti għar-riċerkaturi.

- (18) It-twettiq tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' livell għoli jeħtieġ l-appoġġ ta' bosta karigi fit-tmexxija tar-riċerka, imwettqa minn riċerkaturi jew minn professjonisti oħra. Dawn il-professjonijiet ta' valur kbir jistħoqqilhom rikonoxximent xieraq, inkluż b'aktar analiżi u allinjament fil-livell tal-Unjoni, biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom, jingħata taħriġ rilevanti, titrawwem il-komparabbiltà, u jitħallew imexxu u jappoġġaw b'mod effettiv ir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (19) Il-klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, tal-Kompetenzi, tal-Kwalifiki u tal-Impjiegi (ESCO) ġiet aġġornata fl-2022 biex tkun tinkludi tassonomiji aħjar tal-ħiliet u tal-okkupazzjonijiet għar-riċerkaturi, u b'hekk tispeċifika l-okkupazzjonijiet rilevanti għar-riċerkaturi fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol, u l-ħiliet trażversali li jeħtieġu r-riċerkaturi biex jirnexxu. L-implimentazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ESCO fil-EUROPASS u fin-network Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi (EURES), tiffaċilita l-użu ta' din it-terminoloġija mtejba fis-suq tax-xogħol. L-interazzjoni mill-Kummissjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol hijmehtieġa biex il-kategorija speċifika ta' "riċerkatur" tiddaħhaħ fir-reviżjonijiet futuri tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO), li fuqha tissejjes il-klassifikazzjoni tal-ESCO.
- (20) Kif jirrikonoxxi l-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u kif jiddikjaraw id-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika tal-20 ta' Ottubru 2020, il-Communiqué ta' Ruma taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja tad-19 ta' Novembru 2020, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122, il-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika jridu jitħarsu bħala prerekwiżiti essenzjali biex ir-riċerkaturi javvanzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, f'Jannar 2021 ġie ppubblikat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mill-Kummissjoni dwar kif jista' jittaffa l-indħil barrani fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-pubblikazzjoni tiddekrivi l-aqwa Prattiki li jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla u tar-riċerka biex iħarsu l-valuri fundamentali tagħhom, inkluż il-libertà akkademika, l-integrità u l-awtonomija istituzzjonali, kif ukoll biex jiproteġu lill-persunal, lill-istudenti, is-sejbiet tar-riċerka u l-assi tagħhom.
- (21) In-nisa għadhom sottorappreżentati fost ir-riċerkaturi, u jikkostitwixxu biss 33% tal-popolazzjoni totali tar-riċerkaturi fl-Unjoni. Id-*data* turi wkoll li fis-settur tal-edukazzjoni oġhla hemm impjegati persentaġġ akbar ta' riċerkaturi nisa, meta mqabbla mar-riċerkaturi rġiel, iżda l-persentaġġ tan-nies hu inqas mal-gvernijiet u fis-setturi tan-negozji. Fl-edukazzjoni oġhla madwar l-Unjoni hemm impjegati proporzjon akbar ta' riċerkaturi nisa, meta mqabbla mar-riċerkaturi rġiel, li jaħdmu part-time u b'kuntratti prekarji (11% għan-nisa u 7% għall-irġiel), filwaqt li n-nisa jokkupaw biss 26% tal-oġhla pożizzjonijiet akkademiċi (professorati sħaħ jew pożizzjoni ekwivalenti ta' riċerkaturi). L-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fil-karrieri fir-riċerka, inkluż id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, il-preġudizzji bejn il-ġeneri fil-valutazzjoni, il-kwistjonijiet tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod effettiv b'bidla istituzzjonali, inkluż bl-istrument tal-pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għax ilkoll jaffettwaw il-parteċipazzjoni u l-progressjoni tal-karriera. Barra minn hekk, hemm bżonn sforzi speċifiċi li jindirizzaw is-sottorappreżentanza tan-nisa fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) fir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll

fis-settur tal-edukazzjoni ogħla kif saħqet l-istrateġija Ewropea għall-universitajiet li tipproponi manifest mill-universitajiet orjentati lejn l-STE(A)M dwar edukazzjoni STE(A)M inklużiva mil-lat ta' ġeneru.

- (22) Biex jiġi appoġġat l-iżvilupp personali u professjonali sħiħ tar-riċerkaturi fl-Unjoni, u b'mod partikolari tar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, hu essenzjali li jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti li jħallu konsegwenzi negattivi fuq is-sistema ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, u fuq is-suq intern tar-riċerka. Dawk l-isfidi jinkludu aspetti ta' impjegati u kundizzjonijiet tax-xogħol, bħal status differenti tal-istudenti/impjegati li huma kandidati tad-dottorat fl-Istati Membri, in-nuqqas frekwenti ta' reklutaġġ miftuħ, trasparenti u abbażi tal-mertu, il-prekarjetà marbuta ma' kuntratti bbażati fuq proġetti b'terminu qasir, opportunitajiet indaqqs mhux sodisfaċenti, il-miżuri tal-benesseri u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u dgħufijiet fl-għodod tal-protezzjoni soċjali, inkluż diffikultajiet fil-portabbiltà tal-intitolamenti bejn is-setturi u l-Istati Membri.
- (23) L-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera jibbenefikaw minn inċentivi apposta għar-reklutaġġ tagħhom, bħal dawk tal-protezzjoni finanzjarja u soċjali, inkluż opportunitajiet għal kuntratti permanenti jew indefiniti f'konformità mal-intenzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP⁵². F'dan ir-rigward jista' jitħeġġeġ it-twessigħ tal-użu tal-finanzjament bażi jew tal-finanzjament taċ-ċiklu tal-ħajja għar-riċerka flimkien mal-finanzjament abbażi tal-proġetti. Il-finanzjament bażi jipprovdi projezzjoni ta' appoġġ finanzjarju garantit lill-universitajiet jew liċ-ċentri tar-riċerka talli jiksbu ċerti riżultati tanġibbli u jilħqu ċerti standards tal-kwalità; il-finanzjament taċ-ċiklu tal-ħajja jinvolvi kompetizzjoni inizjali għall-finanzjament li tiġġedded jekk tiġi vvalutata b'mod pożittiv wara proċess tal-monitoraġġ. B'hekk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jkunu jistgħu jiżviluppaw aktar strateġiji tar-riċerka fit-tul u jidħlu għal impenji sostenibbli għall-impjegati, filwaqt li jużaw finanzjament abbażi tal-proġetti biex jibqgħu jimirħu f'merġhat ġodda.
- (24) Kif jafferma l-Artikolu 22 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, kulħadd, bħala membru tas-soċjetà, għandu d-dritt għas-sigurtà soċjali u hu intitolat għat-tħaddim tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tant indispensabbli għad-dinjità u għall-iżvilupp ħieles tal-personalità. L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li meta jiġu definiti u implimentati l-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni trid titqies il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata. Il-Prinċipju 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jirtiraw għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonata għall-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat. Madankollu r-riċerkaturi mobbli qed jsibu diffikultajiet biex jakkumulaw pensjonijiet supplimentari adegwati minħabba perjodi tal-vestiment, tariffi għoljin tat-trasferiment, litteriżmu finanzjarju limitat, u piżijiet amministrattivi fl-età tal-irtirar. Għalhekk jenħtieġ li jkunu żgurati salvagwardji għar-riċerkaturi abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar "L-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom"⁵³.

⁵² Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

⁵³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, 2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

- (25) Ir-RESAVER, l-istituzzjoni pan-Ewropea appoġġata mill-Kummissjoni għandha x'taqsam mal-proviżjonament ta' rtirar okkupazzjonali għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka u li se tkun wieħed mill-komponenti tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER li ġejja, għandha l-potenzjal kollu biex tindirizza l-kwistjonijiet tal-protezzjoni soċjali tar-riċerkaturi mobbli, iżda l-użu tagħha hu mxejkel minħabba nuqqas ta' għarfien biżżejjed dwarha u għadd sostanzjali ta' ostakli amministrattivi u legali. Biex jiġiharsu d-drittijiet tal-pensjoni okkupazzjonali tar-riċerkaturi mobbli, jenħtieġ li tingħata informazzjoni dwar kif il-mobbiltà potenzjali tista' taffettwa d-drittijiet tal-pensjoni, u jenħtieġ li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka f'RESAVER.
- (26) Il-mobbiltà intersettorjali, interdixiplinari u bilanċjata ġeografikament ħa essenzjali biex il-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni jsiru aktar effettivi, sostenibbli u attraenti. B'din il-mobbiltà, is-sistema ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni ssir aktar kompetittiva, u tteġġeg għarfien, produzzjoni, ċirkolazzjoni u użu aħjar. Dawk il-forom tal-mobbiltà jenħtieġ li jiġu promossi, inċentivati u integrati sew fl-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi, u jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex tiġi promossa t-tneħħija tal-ostakli eżistenti ta' kull natura possibbli, inkluż pereżempju l-portabbiltà limitata tal-ġhotjiet.
- (27) L-akkademja u r-riċerkaturi jridu jadottaw bidla fl-approċċ, għax il-karrieri fir-riċerka jeħtieġ ikunu interoperabbli u intersettorjali għalkollox, is-sistema tal-valorizzazzjoni tkun tattribwixxi valur indaq lill-karrieri mwettqa fis-setturi kollha u ma tippenalizzax il-mobbiltà ġeografika, interdixiplinari u intersettorjali jew il-pawsi tal-karriera, inkluż il-liv sabbatiku jew tal-ġenituri, u r-riċerkaturi jkunu jqisu l-karrieri fl-akkademja u lil hinn minnha fl-istess keffa.
- (28) Xi drabi, it-taħriġ tad-dottorat għadu mmirat l-aktar lejn karrieri futuri fl-akkademja, u ma jqisx biżżejjed il-firxa usa' tal-okkupazzjonijiet rilevanti għar-riċerkaturi fis-setturi kollha, u l-importanza li titrawwem l-intraprenditorija tar-riċerkaturi. Hu importanti ħafna li r-riċerkaturi jiksbu ħiliet trażversali b'taħriġ formali u informali, u ħiliet sodi tar-riċerka, biex ikollhom opportunitajiet aħjar ta' karriera, mobbiltà intersettorjali u innovazzjoni, u biex il-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni jsiru aktar attraenti. Barra minn hekk, ikun importanti li r-riċerkaturi jagħrfu b'mod ir-responsabbiltà soċjetali tagħhom u l-impatt soċjetali tar-riċerka tagħhom, inkluż aspetti relatati mas-sostenibbiltà.
- (29) Il-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi (ResearchComp) żviluppat mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, se jaqdi rwol ewlieni biex ir-riċerkaturi jiksbu sett wiesa' ta' ħiliet trażversali u jonqos id-distakk fil-ħiliet bejn l-akkademja u s-setturi rilevanti l-oħra kollha. It-taħriġ tad-dottorat u l-opportunitajiet ta' taħriġ immirat jenħtieġ li jiġu żviluppati skont il-kompetenzi deskritti fih, inkluż abbażi tal-iskambju tal-aqwa Prattiki, biex jippermettu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tar-riċerkaturi b'perspettiva tul il-ħajja. Jenħtieġ li jkunu żgurati mekkaniżmi xierqa tar-rikonoxximent u tal-validazzjoni għal opportunitajiet ta' taħriġ formali u informali, inkluż għal taħriġ fuq il-post tax-xogħol.
- (30) Biex ikun żgurat li t-taħriġ tar-riċerkaturi jiġi żviluppat, jew jiġi żviluppat b'mod konġunt, abbażi tal-ħtiġijiet reali tal-ħiliet, jenħtieġ li jiġu promossi l-interazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-akkademja, in-negozji, l-amministrazzjoni pubblika, is-settur bla skop ta' qligħ, u l-atturi rilevanti l-oħra kollha tal-ekosistema, inkluż pereżempju fir-rigward tal-internships, it-traineeships jew il-job shadowing.
- (31) It-trawwim ta' mentalità intraprenditorjali u l-kompetenzi relatati fost ir-riċerkaturi, inkluż il-kompetenzi biex ifittxu investituri u kapital, hu kruċjali biex jitjiebu l-valorizzazzjoni tal-għarfien u t-trasformazzjoni tal-ideat innovattivi f'servizzi u

prodotti ġodda b'potenzjal akbar ta' użu mis-suq, tkabbir sostenibbli, innovazzjoni u benefiċċji għas-soċjetà. Għal perkors intraprenditorjali ta' suċċess, l-assi intellettuali bħall-pubblikazzjonijiet, id-*data*, l-għarfien espert u l-proprjetà intellettuali jenħtieġ li jinftiehem sew u jitmexxew b'effiċjenza kif jissema fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/416/KE⁵⁴.

- (32) Iċ-ċirkolazzjoni transsettorjali tat-talenti, it-titjib tal-interoperabbiltà tal-impjegi fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn is-setturi, u t-tiġib tal-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji, kemm għat-trasferiment tal-għarfien u anki għat-trasferiment tat-talenti jeħtieġu kombinament ta' miżuri differenti u kumplimentari fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż riforma fis-sistema. Approċċ ta' politika li jinvolvi t-tagħlim reċiproku abbażi ta' mudelli ta' suċċess ta' skemi tal-mobbiltà intersettorjali jista' jgħin biex (i) tissaħħaħ il-kooperazzjoni akkademika/mhux akkademika, u jissaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni, (ii) jitjiebu t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għar-riċerkaturi, l-innovaturi, u talenti oħra fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż jitjiebu l-ħiliet biex tinbena kapacià ta' appoġġ, u (iii) jiżjed l-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali tar-riċerkaturi.
- (33) Ir-riċerkaturi jenħtieġ li jagħrfu l-importanza kruċjali tat-tfassil tal-politika u tal-miżuri politiċi fil-qasam tar-riċerka, u l-impatt li dawn jistgħu jħallu fuq il-karrieri ġenerali tar-riċerka u fuq is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni. Hu importanti li t-taħriġ tad-dottorat ikun jinkludi u jrawwem dan il-fehim biex jiżgura involviment akbar tar-riċerkaturi fl-attivitajiet tat-tfassil tal-politika relatati mal-qasam tar-riċerka.
- (34) Ir-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk fi stadju bikri tal-karriera, jenħtieġ ikunu jafu l-prospetti disponibbli fis-setturi kollha u bil-possibbiltà ta' opportunitajiet biex iwessgħu l-ispettru tal-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Is-servizzi ta' konsulenza u appoġġ għall-karriera, imfassla skont il-ħtiġijiet tar-riċerkaturi, jaqdu rwol importanti filwaqt li jħeġġu l-mobbiltà intersettorjali, interdixiplinari, ġeografika u virtwali, u l-possibbiltà li jiġu żviluppatti attivitajiet intraprenditorjali. Jenħtieġ li tiġi promossa l-mobbiltà interistituzzjonali, b'mod partikolari bejn il-profilii differenti tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġġla u tar-riċerka u tul perkorsi akkademiċi diversi u flessibbli, inkluż billi jingħelbu l-ostakli relatati mal-kompetenzi żviluppatti fl-istituzzjoni preċedenti, u dawk meħtieġa fl-istituzzjoni l-ġdida.
- (35) Il-valutazzjoni tar-riċerka jenħtieġ li tippermetti l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-riċerkaturi u tar-riċerka biex jinkisbu l-aqwa kwalità u impatt. Kif tenfasizza s-sejħa ta' Pariġi tal-2022 dwar il-valutazzjoni tar-riċerka, fir-rapport ta' orjentazzjoni "Towards a reform of the research assessment system" ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2021 u abbażi ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-valutazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-Xjenza Miftuħa" tal-10 ta' Ġunju 2022⁵⁵, u fil-Ftehim dwar ir-Riforma tal-Valutazzjoni tar-Riċerka ppubblikat f'Lulju 2022, evalwazzjoni xierqa tal-prestazzjoni teħtieġ rikonoxximent tar-riżultati, tal-attivitajiet u tal-prattiki tar-riċerka dejjem aktar diversi, inkluż kollaborazzjoni u kondiviżjoni miftuħa tar-riżultati, u li jkun żgurati standards għoljin tal-integrità tar-riċerka. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riċerkaturi jenħtieġ li timxi lejn approċċ aktar bilanċjat bejn l-evalwazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tar-riċerka, billi tiffavorixxi valutazzjoni kwalitattiva b'rieżami bejn il-pari, appoġġata bl-użu responsabbli ta' indikaturi kwantitattivi.

⁵⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/416/KE tal-10 ta' April 2008 dwar il-ġestjoni ta' proprjetà intellettuali f'attivitajiet ta' trasferiment ta' għarfien u dwar Kodiċi ta' Prattika għal universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi ta' riċerka oħrajn (ĠU L 146, 5.6.2008, p. 19).

⁵⁵ Id-Dokument tal-Kunsill 10126/22.

- (36) Il-valutazzjoni tar-riċerkaturi jenħtieġ li tippromwovi rikonossiment u valorizzazzjoni ugwali tal-karrieri tar-riċerkaturi irrispettivament mis-settur tal-impjeg jew tal-attività, u tkun imsejsa fuq approċċ imparzjali abbażi tat-talent. Perkors ta' diversi karrieri, ikkaratterizzat minn mobbiltà ġeografika, settorjali u interorganizzazzjonali, jew perkorsi ibridi kkaratterizzati mill-kombinament simultanju ta' setturi, jistħoqqlu rikonossiment sħiħ u kunsiderazzjoni fl-istess livell ma' perkors ta' karriera lineari.
- (37) Biex jissaħħu l-karrieri fl-akkademja, sal-ogħla pożizzjonijiet, hemm bżonn sistema ta' adegżjoni u progressjoni fil-karriera li tkun trasparenti, strutturata, inklużiva u ugwali bejn il-ġeneri. Għal dan l-għan, fil-livell tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni ta' sistemi simili għal "tenure-track", li jkunu maħsuba bħala kuntratt b'terminu fiss bil-perspettiva ta' progressjoni lejn pożizzjoni permanenti soġġetta għal evalwazzjoni pożittiva.
- (38) Minkejja l-isforzi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, il-kwistjoni tal-eżodu tat-talenti minn reġjuni inqas żviluppatti fl-Unjoni għadha fostna, kif tindika l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa"⁵⁶, u għalhekk hemm bżonn miżuri addizzjonali biex tinkiseb mobbiltà ġeografika aktar bilanċjata għar-riċerkaturi. L-analizzjoni ta' ċirkolazzjoni tat-talenti tal-Kummissjoni 2021-2022 jindikaw il-kontribut pożittiv tal-azzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni biex titħeġġeġ ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti, iżda jidentifikaw ukoll sfidi persistenti u jipprovdu perkorsi għall-kisba tal-imħuħ. F'dan il-kuntest hu importanti li jkun hemm ambjenti tar-riċerka eċċellenti, kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u remunerazzjoni proporzjonata għall-kwalifiki professjonali u l-attivitàjiet imwettqa, iżda ħafna drabi jkunu jeħtieġu riformi fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jitħaddem approċċ ta' politika maħsub biex jappoġġa u jinċentiva daww it-trasformazzjonijiet fis-sistema, li jinvolvi eżerċizzji tat-tagħlim reċiproku abbażi ta' perkorsi ta' suċċess li ppermettew l-istabbiliment ta' ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti fl-Istati Membri.
- (39) L-appoġġ għall-mobbiltà u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi, b'mod li jiżgura riżerva sostenibbli tat-talent fid-dominju tar-riċerka u l-innovazzjoni u li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika bejn l-Unjoni u d-dinja, hu l-oġġettiv ewlieni tal-EURAXESS, inizjattiva pan-Ewropea unika li tagħti informazzjoni u servizzi ta' appoġġ mingħajr ħlas lir-riċerkaturi u lill-familji tagħhom. Biex tappoġġa aktar dan l-oġġettiv, l-EURAXESS jenħtieġ li twessa' l-attivitàjiet tagħha tal-għoti ta' informazzjoni u appoġġ lir-riċerkaturi u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka, bi struttura ottimizzata ta' servizzi u governanza, b'esperjenza diġitali u tal-utenti aħjar u b'interoperabbiltà ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni bħall-Europass u l-EURES. L-effettività u l-koerenza tal-portali u s-servizzi tal-informazzjoni EURAXESS jibbenefikaw minn riżorsi finanzjarji u umani msaħħa tal-organizzazzjonijiet kollaboraturi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali, l-ingranaġġ tal-bażi tal-għarfien espert u d-distribuzzjoni tal-kompiti fost l-entitajiet EURAXESS fil-livell nazzjonali filwaqt li tiġi sorveljata l-prestazzjoni u jitkejlu r-riżultati.
- (40) Biex tibqa' kompetittiva fix-xenarju dinji, l-UE jeħtieġ issir aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE", adottata fis-27 ta' April 2022⁵⁷, tenfasizza l-ħtieġa li l-UE ttejjeb l-

⁵⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa, is-17 ta' Jannar 2023, COM(2023) 32 final.

⁵⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE, COM(2022) 657 final.

appell tagħha għat-talent dinji, b'mod partikolari billi tippromwovi l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-UE u tesplora modi potenzjali oħrajn għall-migrazzjoni legali lejn l-UE għal perjodu medju jew aktar fit-tul. Ir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸ kienet pass importanti biex titjeb l-attraenza tal-UE biex il-migranti bi kwalifiki għoljin ikunu jistgħu jgawdu drittijiet aħjar u proċeduri aktar mgħaġġla u simplifikati. Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹ tikkontribwixxi wkoll għal dawn l-oġġettivi billi tagħmilha aktar faċli u aktar attraenti għall-istudenti u r-riċerkaturi li jiċċaqilqu lejn l-UE, u fl-istess ħin tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u tal-ħiliet b'tiżi tad-drittijiet tal-mobbiltà intra-UE.

- (41) Il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi jeħtieġ jiġu riveduti biex iwiegħbu għar-realtà l-ġdida u l-isfidi li qed isibu r-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet, inkluż integrazzjoni aħjar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-inklużività kif ukoll tal-prattiki tax-Xjenza Miftuħa. Il-verżjoni l-ġdida jenħtieġ li tissimplifika l-implimentazzjoni tagħha, u jenħtieġ li tiġi promossa l-użu tagħha lil hinn mis-settur akkademiku. Ir-reviżjoni jenħtieġ li ma tippreġudikax l-istituzzjonijiet li jħaddmu l-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi eżistenti għar-Riċerkaturi. Dawn jenħtieġ li jitqiesu li għadhom qed iħaddnu l-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi, fil-verżjoni l-ġdida. Dan jenħtieġ li japplika b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet li daħlu fil-proċess HRS4R, li għalihom l-approvazzjoni tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi hu l-ewwel pass.
- (42) Hu meħtieġ osservatorju tal-karrieri fir-riċerka, li jlaqqa' l-aqwa *data* attwali tal-Unjoni f'post wieħed, biex isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri ħalli jissaħħu l-karrieri fir-riċerka u r-riformi fis-sistemi. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-ħtiġijiet tad-*data* tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li huma rilevanti għall-adattament u l-iżvilupp tal-politiki għall-karrieri fir-riċerka. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll lir-riċerkaturi biex jifhmu aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet, u jippromwovi l-attraenza tal-organizzazzjonijiet Ewropej tar-riċerka fost l-aqwa talenti. Jenħtieġ li jitqiesu r-rabtiet rilevanti mal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja propost fl-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet. Id-*data* miġbura waqt l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ tista' tiġi adattata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-osservatorju tal-karrieri fir-riċerka.
- (43) Biex il-qafas Ewropew jirnexxlu jattira u jżomm it-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, hemm bżonn l-impenn tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti. B'mod partikolari, l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġġla, bħal dawk stabbiliti fl-ambitu tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej u appoġġati mill-Programm Erasmus+ u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, kif ukoll is-settur usa' tal-edukazzjoni oġġla u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, jistgħu jithegħgu b'mod volontarju u b'approċċ minn isfel għal fuq biex jikkontribwixxu għal implimentazzjoni wiesgħa tal-qafas billi jwettqu l-attivitajiet rilevanti.

⁵⁸ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1).

⁵⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 2611, 14.10.2019, p. 1).

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Definizzjoni ta' "riċerkaturi" fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u tal-professjonijiet tar-riċerka

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

"Riċerkaturi" huma professjonisti involuti fit-tniissil jew fil-ħolqien ta' għarfien ġdid. Dawn iwettqu r-riċerka, u jtejbu jew jiżviluppaw kunċetti, teoriji, mudelli, tekniki, strumentazzjoni, software jew metodi operazzjonali. Ir-riċerkaturi jistgħu jkunu involuti għalkollox jew parzjalment f'tipi differenti ta' attivitajiet (pereżempju riċerka bażika jew applikata, żvilupp sperimentali, tagħmir operattiv tar-riċerka, tmexxija tal-proġetti) f'xi settur tal-ekonomija jew tas-soċjetà. Ir-riċerkaturi jidentifikaw l-alternattivi għal attivitajiet ġodda tar-riċerka u tal-iżvilupp, u jipplanaw għalihom u jmexxuhom billi jużaw ħiliet u għarfien ta' livell għoli żviluppati bl-educazzjoni u t-taħriġ formali jew minn esperjenza Prattika fit-twettiq tar-riċerka.
2. Il-professjonijiet tar-riċerka jistgħu jsiru, b'valur ugwali, fis-setturi kollha li jwettqu r-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-akkademja, in-negozji, il-laboratorji governattivi u l-amministrazzjoni pubblika, u s-settur bla skop ta' qligħ, fejn il-ħiliet, l-għarfien u l-attitudnijiet tar-riċerkaturi jistgħu jkunu ta' ġid għas-soċjetà Ewropea, għas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, u għall-ekonomija.
3. Il-professjonijiet tar-riċerka jinkludu l-karigi fit-tmexxija tar-riċerka li jistgħu jitwettqu minn riċerkaturi u minn professjonisti oħra biex imexxu u jappoġġaw attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Dawn jistgħu jinvolvu kwalunkwe wieħed mill-kompiti mhux eżawrjenti li ġejjin:
 - (a) is-simplifikazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-ġestjoni, l-amministrazzjoni, il-komunikazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (b) l-iżgurar tal-konformità mal-obiettivi tal-politika, mar-rekwiżiti tal-programmi tal-finanzjament, mar-regoli finanzjarji u mar-regolamenti legali;
 - (c) it-titjib tal-effiċjenza u l-effettività ta' proġetti/sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni;
 - (d) it-tiħiħ tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq is-soċjetà.
4. Ir-riċerkaturi kollha, irrispettivament mill-istatus attwali u s-settur tal-impjieg tagħhom, li jwettqu attività tar-riċerka, jenħtieġ li jiġu inkwadri fil-profil li ġejjin:
 - (a) R1 - Riċerkatur tal-Ewwel Stadju: Riċerkaturi li qed jagħmlu riċerka bis-superviżjoni sal-istadju ta' dottorat jew livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza.
 - (b) R2 - Riċerkatur Rikonoxxut: Riċerkaturi bid-dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li għadhom mhumiex indipendenti għalkollox fil-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw ir-riċerka tagħhom stess, jattiraw finanzjament, jew imexxu grupp tar-riċerka.
 - (c) R3 - Riċerkatur Stabbilit: Riċerkaturi bid-dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li kisbu livell ta' indipendenza fil-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw ir-riċerka tagħhom stess, jattiraw finanzjament, jew imexxu grupp tar-riċerka.

- (d) R4 - Riċerkatur Ewlieni: Riċerkaturi bid-dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li l-pari tagħhom iqisuhom bħala mexxejja fil-qasam tar-riċerka tagħhom.
5. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-profilu R1 u R2 jenħtieġ li jitqiesu bħala riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, u l-profilu R3 u R4 jenħtieġ li jitqiesu bħala riċerkaturi superjuri.
- Hu rakkomandat li l-Istati Membri jħeġġu l-użu tar-referenzi għall-profilu fil-postijiet vakanti kollha speċifikament dawk indirizzati għar-riċerkaturi.
- Minbarra r-Riċerkatur tal-Ewwel Stadju, jenħtieġ li l-profilu mhux bilfors ikunu jitqiesu bħala stadji ta' perkors progressiv tal-karriera.
- Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji tinsab fl-Anness I.

Rikonoxximent tal-professjonijiet tar-riċerka, u interoperabbiltà u komparabbiltà tal-karrieri fir-riċerka

6. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw rikonoxximent sħiħ tal-professjonijiet tar-riċerka, jippromwovu stima u valorizzazzjoni ugwali tal-perkorsi differenti tal-karrieri fir-riċerka irrispettivament mis-settur tal-impjieg jew tal-attività, u jieħdu miżuri għal interoperabbiltà u komparabbiltà sħiħa tal-karrieri fir-riċerka fl-Istati Membri, fis-setturi u fl-istituzzjonijiet.
7. Il-karigi fit-tmexxija tar-riċerka jenħtieġ li jiġu inkwadri u rikonoxxuti kif xieraq fil-livell tal-Unjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom, jinħoloq taħriġ rilevanti, u titrawwem il-komparabbiltà.
8. Perkorsi mhux lineari u ta' diversi karrieri, maħsuba bħala perkorsi kkaratterizzati minn mobbiltà ġeografika, dixxiplinari, intersettorjali u interorganizzattiva, jew perkorsi ibridi li jikkombinaw simultanjament setturi differenti, jenħtieġ li jitħeġġu u jitwieżnu mill-Istati Membri, u jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti fl-istess livell ma' perkors ta' karriera lineari b'diveri eżiti professjonali. Is-sistema tal-valorizzazzjoni jenħtieġ li tiġi adattata kif xieraq.
9. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jimplementaw verżjonijiet u aġġornamenti ġodda tal-klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, tal-Kompetenzi, tal-Kwalifiki u tal-Impjeggi, b'attenzjoni speċifika għall-okkupazzjonijiet u l-ħiliet tar-riċerkaturi.
10. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-uffiċċji tar-riżorsi umani fis-setturi kollha biex jimmeppjaw l-istrutturi tal-karrieri għar-riċerkaturi skont il-profilu msemmija fil-punt 4 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Reklutaġġ u kundizzjonijiet tax-xogħol

11. Hu rakkomandat li l-Istati Membri li jippromwovu u jappoġġaw għażla u reklutaġġ tal-kandidati miftuħin, trasparenti u abbażi tal-mertu, li ma jkunux jippenalizzaw il-pawsi fil-karriera jew il-mobbiltà intersettorjali.
12. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi u d-djalogu soċjali effettiv, u jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex l-impjegaturi u/jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi jiżguraw kundizzjonijiet tar-riċerka u tax-xogħol attraenti u kompetittivi, li jippermettu li r-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera u irrispettivament min-natura permanenti jew b'terminu fiss tal-kuntratt tagħhom jiġu vvalutati, imħeġġa u appoġġati. Dan jenħtieġ li jinkludi:

- (a) il-garanzija ta' remunerazzjoni proporzjonata, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u kundizzjonijiet flessibbli tax-xogħol li jżewġu l-ħajja personali, il-familja, it-tfal u l-karrieri, u l-benesseri ġenerali, mingħajr preġudizzju għall-karrieri;
- (b) l-iżguraw tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, opportunitajiet indaqs u inklużività għar-riċerkaturi minn kull sfond inkluż minn gruppi sottorappreżentati u emarġinati, u l-promozzjoni tal-użu ta' strumenti tal-bidla istituzzjonali fost l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tal-finanzjament, bħal pjanijiet inklużivi ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri li jkunu miftuħa għal intersezzjonijiet bejn il-ġeneri u kategoriji soċjali oħra, skont il-qafas il-ġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet;
- (c) is-salvagwardja tal-libertà tar-riċerka xjentifika minn kull limitazzjoni jew indħil possibbli, inkluż minn atturi barranin;
- (d) l-ġhoti ta' appoġġ apposta fil-livell istituzzjonali lir-riċerkaturi b'rabta mat-twettiq tad-dmirijiet amministrattivi;
- (e) it-teħid ta' azzjonijiet determinati biex jiġi miġġieled il-fenomeni tal-prekarjetà u jiġu appoġġati s-sigurtà u l-istabbiltà tal-impjegati. Dan jenħteġ li jinkludi tul totali massimu għall-ħatriet b'terminu fiss, u l-inċentivar ta' limitu massimu ta' terz għall-kuntratti b'terminu fiss fir-riżorsi umani ġenerali tar-riċerkaturi ta' impjegatur partikolari. Hu rrakkomandat li jiġi mmirat limitu aktar baxx mill-impjegaturi li waqt l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni diġà jkunu qegħdin inqas mill-limitu ta' terz. Kull meta jkunu qed jitwettqu kompiti permanenti jew fit-tul jew rikorrenti ħafna tar-riċerka, l-istrument xieraq hu kuntratti permanenti jew indefiniti;
- (f) il-promozzjoni ta' użu usa' tal-finanzjament bażi jew tal-finanzjament tul iċ-ċiklu tal-ħajja għar-riċerka, u finanzjament aibbażi tal-proġetti, biex l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jkunu jistgħu jiżviluppaw strateġiji tar-riċerka aktar fit-tul u jidħlu għal impenji sostenibbli għall-impjegati;
- (g) il-garanzija ta' aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata irrispettivament mill-forma tal-impjieg (eż. kuntratt permanenti, miftuħ, b'terminu fiss jew abbażi ta' ġhotja), mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Dawk il-miżuri jenħteġ li jappartjenu għall-fergħat li ġejjin, sa fejn huma previsti fl-Istati Membri:
 - (1) il-benefiċċji tal-qgħad;
 - (2) il-benefiċċji tal-kura tas-saħħa u tal-mard;
 - (3) il-liv tal-maternità, il-liv tal-paternità u l-liv tal-ġenituri u benefiċċji relatati;
 - (4) il-benefiċċji tal-invalidità;
 - (5) il-benefiċċji tax-xjuħija u l-benefiċċji tas-superstiti;
 - (6) il-benefiċċji marbutin ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u mal-mard okkupazzjonali.

13. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw li r-riċerkaturi jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata, komprensiva, faċli għall-utent u li tintfiehem b'mod ċar dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, u li jiżguraw li l-

intitolamenti, dawk miksuba bi skemi obbligatoriġi jew dawk volontarġi, jitħarsu, jiġu akkumulati u jkunu trasferibbli fost it-tipi kollha ta' statuses tal-impjeg u tal-impjeg indipendenti u bejn il-fruntieri ġeografiċi, is-setturi ekonomiċi, tul il-ħajja tax-xogħol tal-persuna, u bejn skemi differenti f'fergħa partikolari tal-protezzjoni soċjali.

14. Hu rakkomandat li l-Istati Membri li jridu jtejbu t-tfaddil fi skemi supplimentari b'kontribuzzjoni definita, jippromwovu l-użu tas-soluzzjonijiet mogħtija mill-fond tal-pensjoni RESAVER, li jiżgura li ma jkunx hemm perjodu tal-vestment jew tariffi għat-trasferiment tal-assi.
15. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw miżuri speċifiċi b'appoġġ għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, b'mod korrispondenti għall-profilu R1 u R2 imsemmija fil-punt 4 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Dawk il-miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu:
 - (a) l-għoti tad-drittijiet ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, ta' introjtu u ta' protezzjoni soċjali lill-kandidati tad-dottorat li huma applikabbli għar-riċerkaturi fi stadji oħra tal-karriera;
 - (b) il-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu ta' inċentivi għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, inkluż inċentivi finanzjarji u tal-protezzjoni soċjali;
 - (c) il-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu ta' inċentivi għar-reklutaġġ ta' riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera minn impjegaturi fis-setturi kollha, b'mod partikolari b'kuntratti permanenti jew miftuħa;
 - (d) il-promozzjoni u l-valutazzjoni tal-mobbiltà interistituzzjonali, transsettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, inkluż il-mobbiltà virtwali;
 - (e) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġħla, il-finanzjaturi tar-riċerka u atturi rilevanti oħra tal-ekosistema, b'mod partikolari l-industrija u negozji oħra, fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-provvista tal-ħiliet, biex jitrawwem reklutaġġ tar-riċerkaturi b'livell għoli tal-ħiliet u bil-ħiliet speċifiċi fis-setturi kkonċernati.

Riċerkaturi b'ħiliet għal karrieri intersettorjali u interdixxiplinarji u għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni

16. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu passi xierqa biex jinkoraġġixxu li t-taħriġ tad-dottorat ikun adattat għal karrieri interoperabbli fis-setturi rilevanti kollha u għall-prattika tax-Xjenza Miftuħa, inkluż billi jużaw il-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi (ReserchComp), il-Prinċipji dwar it-Taħriġ għal Dottorat Innovattiv, u kull inizjattiva futura oħra li tiegħu l-Kummissjoni biex issaħħaħ il-ħiliet trażversali tar-riċerkaturi.
17. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex tappoġġa u tiffaċilita l-użu tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenza għar-Riċerkaturi (ResearchComp), tippromwovi l-iskambju tal-prattiki tajba, u tikkunsidra reviżjonijiet futuri tal-Qafas tal-Kompetenza meta meħtieġ abbażi tal-evoluzzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni u tas-suq tax-xogħol.
18. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jagħmlu enfasi speċifika fuq l-iskemi maħsuba biex isaħħu l-ħiliet meħtieġa mir-riċerkaturi minn kmieni fil-karrieri tagħhom ħalli jidħlu għal attivitajiet li jivvalorizzaw l-għarfien. Skemi bħal dawn jenħtieġ li jinkludu attivitajiet li jxerrru t-tagħrif u li jħarrġu dwar suġġetti rilevanti, inkluż il-ġestjoni tal-assi intellettuali, l-istandardizzazzjoni, il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja, u l-kuntatt mas-soċjetà.

19. Hu rakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jħeġġu l-interazzjoni u l-kooperazzjoni, inkluż bi sħubijiet, bejn l-akkademja, l-industrija, negozji oħra, l-amministrazzjoni pubblika, is-settur bla skop ta' qligħ, u l-atturi rilevanti l-oħra kollha tal-ekosistema, u jiżguraw li t-taħriġ tad-dottorat u t-taħriġ immirat jiġu żviluppati, jew żviluppati b'mod konġunt, abbażi tal-ħtiġijiet reali tal-ħiliet tal-partijiet ikkonċernati, inkluż billi jibnu fuq eżempji tal-aqwa prattika implimentati skont il-programmi eżistenti fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Dawk l-interazzjoni u l-kooperazzjoni jenħtieġ li jiġu appoġġati b'mod partikolari fl-oqsma li jeħtieġu ħiliet speċifiċi biex jitħaddmu infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija mill-aktar avvanzati.

20. Hu rakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu azzjoni biex irawmu mentalità innovattiva u intraprenditorjali fost ir-riċerkaturi, inkluż il-ħiliet meħtieġa għat-tiftix tal-investment, biex dawk li jaqbdun karriera intraprenditorjali jkunu jistgħu jgħaqqdu l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-għarfien tagħhom mal-kompetenza fil-valorizzazzjoni tal-għarfien, jibdlu l-ideat innovattivi f'negozji u jrawmu l-innovazzjoni u l-progress.

Jenħtieġ li ssir enfasi speċifika fuq il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni tan-nisa, u fuq il-ħolqien ta' spin-offs universitarji mmexxija min-nisa.

L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw miżuri biex itaffu r-riskji li jieħdu r-riċerkaturi li jagħżlu karriera intraprenditorjali, inkluż bil-possibbiltà li jergħu lura għall-karriera preċedenti tagħhom.

21. Hu rakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu azzjoni biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-għoti ta' taħriġ immirat, inkluż taħriġ li jwassal għal mikrokredenzjali⁶¹ u bl-appoġġ ta' Kontijiet Individwali tal-Apprendiment⁶², meta disponibbli, biex ikunu żgurati opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid lir-riċerkaturi b'perspettiva tul il-ħajja u biex titrawwem il-mobbiltà intersettorjali u interdixxiplinari. Hu rakkomandat ukoll li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw proċedura tal-validazzjoni ġusta u trasparenti, abbażi ta' kriterji armonizzati, tal-opportunitajiet tat-taħriġ formali u informali, inkluż tat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

22. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tieħu l-azzjonijiet li ġejjin fil-kuntest tal-iżvilupp ta' inizjattivi li jrawmu ċ-ċirkolazzjoni transsettorjali tat-talenti:

- (a) tappoġġa t-tagħlim reċiproku għall-Istati Membri abbażi ta' mudelli ta' skemi ta' mobbiltà intersettorjali stabbiliti mill-Kummissjoni, fi tliet oqsma prijorarji:
 - (1) it-tiħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u mhux akkademika;
 - (2) it-titjib tat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għar-riċerkaturi, l-innovaturi, u talenti oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (3) it-tiħiħ tal-intraprenditorija tar-riċerkaturi.
- (b) issaħħaħ il-komponenti tal-mobbiltà intersettorjali fl-istrumenti eżistenti għall-mobbiltà tar-riċerkaturi, u tikkomplimentahom bi strumenti ġodda, meta jitqies meħtieġ;

⁶¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/02 tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

⁶² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/03 tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26).

- (c) ixxerred tagħrif dwar skemi ta' mobbiltà intersettorjali, permezz tal-fergħa tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER imsemmija fil-punt 32 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
23. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw li jistabbilixxu skemi nazzjonali li jippromwovu l-mobbiltà intersettorjali f'wieħed jew aktar mit-tliet oqsma ta' prijorità msemmija fil-punt 22 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
24. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jwettqu l-isforzi kollha meħtieġa biex jippromwovu t-tneħħija tal-ostakli strutturali u amministrattivi eżistenti li jistgħu jfixxlu jew jtaqqlu l-mobbiltà bejn is-setturi, inkluż billi jappoġġaw l-interoperabbiltà tal-karrieri bejn is-setturi, u jiffaċilitaw il-mobbiltà temporanja jew permanenti.

Żvilupp tal-karriera u progressjoni

25. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-valur tal-mobbiltà ġeografika, intersettorjali, interistituzzjonali, interdixxiplinari u transdixxiplinarja u virtwali bħala mezz importanti biex isaħħu l-għarfien xjentifiku u l-iżvilupp professjonali f'kull stadju tal-karriera tar-riċerkaturi.
26. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu miżuri biex ir-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk fi stadju bikri tal-karriera, jkunu konxji tal-opportunitajiet disponibbli fis-setturi rilevanti kollha u jippromwovu kultura ta' diversifikazzjoni tal-karrieri għal żvilupp personali u professjonali aħjar. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jappoġġaw l-għoti tas-servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għall-karrieri ħalli jħeġġu l-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, u l-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet intraprenditorjali.
27. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu u jappoġġaw sistemi għall-valutazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riċerkaturi li:
- (a) ikunu bbażati fuq ġudizzju kwalitattiv tal-pari, appoġġat bl-użu responsabbli ta' indikaturi kwantitattivi;
 - (b) jippremjaw il-kwalità u d-diversi impatti potenzjali tar-riċerka tagħhom fuq is-soċjetà, ix-xjenza u l-innovazzjoni;
 - (c) jirrikonoxxu diversità ta' eżiti (fost l-oħrajn pubblikazzjonijiet, settijiet tad-*data*, software, metodoloġiji, protokoll, privati), attivitajiet (fost l-oħrajn mentoraġġ, superviżjoni tar-riċerka, rwoli fit-tmexxija, intraprenditorja, ġestjoni tad-*data*, rieżami bejn il-pari, taġlim lill-istudenti, valorizzazzjoni tal-għarfien, kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja, appoġġ għat-tfassil ta' politika infurmata bl-evidenza, interazzjoni mas-soċjetà) u prattiki (fost l-oħrajn għarfien bikri u kondiviżjoni tad-*data*, kollaborazzjoni miftuħa), kif ukoll l-esperjenzi kollha tal-mobbiltà msemmija fil-punt 25 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
 - (d) jiżguraw li l-attività professjonali tar-riċerkaturi tkun tilħaq standards għoljin ta' etika u integrità, tippremja t-twettiq xieraq tar-riċerka, u tapprezza l-prattiki tajba, b'mod partikolari l-prattiki miftuħa għall-kondiviżjoni tar-riżultati u tal-metodoloġiji tar-riċerka, kull meta possibbli;
 - (e) jużaw kriterji u proċessi tal-valutazzjoni li jirrispettaw il-varjetà ta' dixxiplini tar-riċerka u kuntesti nazzjonali;

(f) jappoġġaw diversità ta' profili tar-riċerkaturi u perkorsi tal-karriera, u japprezzaw il-kontributi individwali daqskemm il-ħidma f'timijiet, ix-xogħol kollaborattiv u l-interdixxiplina;

(g) jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużività.

Biex tkun żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, hu rrakkomandat li l-Istati Membri jrawmu taħriġ kontinwu għall-atturi involuti fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-valorizzazzjoni.

28. L-Istati Membri huma mistiedna jħeġġu lill-organizzazzjonijiet biex jissieħbu f'koalizzjonijiet, alleanzi jew inizjattivi stabbiliti biex jevolvu s-sistemi tal-valutazzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt 27 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jindirizzaw l-ostakli nazzjonali għal din l-evoluzzjoni tal-valutazzjoni tar-riċerka u jgħinu fil-prevenzjoni minn kull kontradizzjoni jew inkompatibbiltà li jaf ikun hemm fl-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt 27 ta' din ir-Rakkomandazzjoni, bejn il-valutazzjoni tar-riċerka, tar-riċerkaturi u tal-istituzzjonijiet tar-riċerka.

29. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jiżguraw sistema tal-adeżjoni u tal-progressjoni fil-karriera li tkun ġusta, ekwa, inklużiva, trasparenti, strutturata u ugwali bejn il-ġeneri għar-riċerkaturi fl-akkademja, sal-ogħla pożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, hu rrakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw l-adozzjoni ta' sistema mudell ta' "tenure-track" maħsuba bħala kuntratt b'terminu fiss bil-perspettiva ta' progressjoni għal pożizzjoni permanenti, soġġetta għal evalwazzjoni pożittiva.

Ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u li l-Unjoni ssir destinazzjoni attraenti

30. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni determinata biex jistabbilixxu kundizzjonijiet favorevoli, attraenti u kompetittivi għat-twertiq tal-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u biex jatturaw lura f'pajjiżhom lir-riċerkaturi involuti f'esperjenzi barra l-pajjiż. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, iżda mhux biss:

(a) inċentivi biex l-attivitajiet tar-riċerka jsiru aktar attraenti, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' kompetizzjoni ġusta għat-talenti;

(b) simplifikazzjoni tar-rekwiżiti legali u amministrattivi għar-riċerkaturi;

(c) investimenti fis-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni, inkluż l-appoġġ għal networking fl-Unjoni u lil hinn minnha, biex is-sistemi nazzjonali tar-riċerka u tal-innovazzjoni jingħaqdu u jitwāhdu man-networks Ewropej tar-riċerka u jipprovdu viżibbiltà akbar lill-kapaċitajiet nazzjonali u lill-infrastrutturi ta' livell għoli;

(d) l-iskambju tal-aqwa Prattiki dwar il-ħolqien ta' ambjent attraenti u kompetittiv tar-riċerka u tal-innovazzjoni, inkluż fejn jidħlu t-titjib tar-remunerazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-servizzi, u t-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi u lingwistiċi għar-riċerkaturi barranin u internazzjonali;

(e) għotjiet għar-ritorn u pożizzjonijiet attraenti għar-riċerkaturi li jergġu lura fil-pajjiż;

(f) Il-possibbiltà ta' pożizzjonijiet doppji f'istituzzjonijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, biex jitravmu t-trasferiment tal-għarfien u l-kollaborazzjoni, u jkun evitat l-eżodu tat-talenti.

Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, inkluż billi tippromwovi sinerġiji fost il-programmi tal-Unjoni, u l-programmi tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

31. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tiegħu l-azzjonijiet li ġejjin li jrawmu ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti:
- (a) tappoġġa t-tagħlim reċiproku għall-Istati Membri fid-dawl tar-riforma fis-sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni tagħhom, inkluż b' sejħiet għal espressjoni ta' interess biex tinħoloq komunità ta' Prattika b'taħriġ u gwida għall-Istati Membri abbażi ta' perkorsi u soluzzjonijiet ta' suċċess li jippermettu ċirkolazzjoni tat-talenti aktar bilanċjata;
 - (b) timmonitorja l-flussi tal-mobbiltà b'mappa interattiva taċ-ċirkolazzjoni tat-talenti fl-osservatorju tal-karrieri fir-riċerka msemmi fil-punt 39 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
 - (c) tiffaċilita r-rabtiet tranżnazzjonali mal-komunitajiet tad-dijaspora xjentifika u tiffaċilita l-attrazzjoni jew ir-ritorn tat-talenti, permezz tal-fergħa tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER imsemmija fil-punt 32 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
 - (d) tippromwovi ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera tagħhom permezz ta' strumenti ġodda fil-livell tal-Unjoni li jsaħħu l-bażi tal-kapital uman f'pajjiżi li jridu jżidu l-parteciġazzjoni, b'riċerkaturi u innovaturi aktar intraprenditorjali, maniġerjali u mħarrġa aħjar.

Azzjonijiet ta' appoġġ għall-karrieri fir-riċerka

32. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex isaħħu l-portali, is-servizzi, u d-dimensjoni internazzjonali tal-EURAXESS, u li jiżviluppaw il-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER bħala punt uniku ta' servizz online għar-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet fis-setturi kollha, b'qafas ta' governanza ġdid li jinkludi impenji vinkolanti u rwol ta' koordinazzjoni għall-korpi u l-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti involuti fit-twassil tas-servizzi.

Il-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER jenħtieġ li tkun tippermetti li:

- (a) ir-riċerkaturi jmexxu l-opportunitajiet tat-tagħlim għalihom u tat-taħriġ tagħhom u l-karrieri tagħhom;
- (b) l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-impjegaturi u l-finanzjaturi jwettqu attivitajiet tan-networking, imexxu aħjar ir-riżervi tat-talenti tagħhom, jikkollaboraw u jiskambjaw l-aqwa Prattiki, filwaqt li jiffaċilitaw l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talenti u jtejbju d-data biex ix-xejriet tal-mobbiltà fl-Ewropa u lil hinn minnha jinftiehm u aħjar.

Is-servizzi jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikunu jinkludu l-iżvilupp tat-talenti u s-servizzi tal-ġestjoni tal-karriera, b'enfasi fuq ir-riċerkaturi fis-setturi rilevanti kollha tas-soċjetà, inkluż l-akkademja.

33. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tiżgura rabtiet u interoperabbiltà bejn il-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER u inizjattivi rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż il-Europass, l-ESCO u l-EURES, biex timplimenta s-sistema ta' login tal-UE għall-awtentikazzjoni, u li tipprevedi tiġib fil-mudell tal-governanza tal-pjattaforma u n-network sottostanti taċ-ċentri tas-servizzi biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tar-riċerkaturi u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

34. Hu rakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħrfu l-importanza li jħaddnu u jimplimentaw il-Karta u tal-Kodiċi għar-Riċerkaturi, u l-Karta għar-Riċerkaturi msemmija fil-punt 35 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
35. Il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi stabbilita fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tiegħu post il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi stabbiliti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2005/251/KE. Hu rakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jħeġġu it-tħaddin u l-implimentazzjoni tal-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi mill-impjegaturi u l-finanzjaturi tar-riċerka fis-setturi kollha, inkluż b'inċentivi apposta, ħalli din issir għodda strutturali li tappoġġa lir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka.
36. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni taġġusta l-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi, jew kull mekkaniżmu ta' implimentazzjoni simili fil-futur, skont il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi, u tiżgura l-kontinwità fir-rigward tal-istituzzjonijiet li ħaddnu l-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi preċedenti u mxew mal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi, b'mod partikolari billi tqis li għadhom qed iħaddnu l-Karta għar-Riċerkaturi stabbilita fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tapplika l-istess miżuri tranżizzjonali għall-istituzzjonijiet li bdew il-proċess tal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi skont il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi preċedenti.
37. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tagħmel rieżami regolari u tadatta l-għodod kollha b'appoġġ għall-karrieri fir-riċerka, abbażi tal-ħtiġijiet reali tar-riċerkaturi, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.
38. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jħeġġu u jappoġġaw l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, is-settur Ewropew kollu tal-edukazzjoni oġhla u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex imexxu azzjonijiet rilevanti previsti minn din ir-Rakkomandazzjoni b'mod volontarju u b'approċċ minn isfel għal fuq.

Monitoraġġ tal-karrieri fir-riċerka

39. Minbarra s-sistemi ġenerali tal-monitoraġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, hu rakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jissorveljaw il-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni u l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni b'osservatorju tal-karrieri fir-riċerka apposta, għall-ġid ta' dawk li jfasslu l-politika, l-organizzazzjonijiet, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u r-riċerkaturi fil-livell Ewropew u nazzjonali. L-osservatorju jenħtieġ li jappoġġa l-ħtiġijiet tad-*data* tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li huma rilevanti biex jadattaw u jiżviluppaw politiki għall-karrieri fir-riċerka. Dan jenħtieġ li jappoġġa wkoll lir-riċerkaturi biex jagħrfu aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet, u jippromwovi l-attraenza tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka tal-Unjoni fost l-aħjar talenti.
40. Hu rakkomandat li l-Istati Membri jikkooperaw bejniethom biex tinġabar *data* rilevanti ħalli l-osservatorju jiġi implimentat b'mod effiċjenti u sostenibbli.
41. Hu rakkomandat li l-Kummissjoni tikkunsidra rabtiet rilevanti mal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja propost fl-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet ħalli ssaħħaħ is-sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

42. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw li jadattaw id-*data* miġbura fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2019/1700 skont il-*ħtiġijiet tad-data* tal-osservatorju msemmi fil-punt 39 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President